**QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 183, 184, 188, 189 u 533**
**tal-Kapitolu 9,**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru: 702/12***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**GODFREY FORMOSA**
**(ID: 102979M)**

**Illum, 29 ta' Novembru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **GODFREY FORMOSA** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 102979(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Marzu 2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'ismu u/jew fil-kapacita' tieghu ta' direttur tas-socjetajiet *D&G Projects Limited* (C38165) u *Di Natura Limited* (C45057), b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-

iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

4. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

5. Kif ukoll talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 15 ta' Ottubru 2008.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid immarkat bhala Dok. AG1 a fol. 8 u kif ukoll fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. AG2 a fol. 9 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Ikkunsidrat

**L-Ispettur Angelo Gafa'** xehed nhar il-15 ta' Jannar, 2013 fejn spjega li l-pulizija rceviet rapport minghand il-Malta Enterprise specifikament minghand Dr. Katrina Borg Cardona, Chief Officer Legal Regulatory Compliance Unit, liema rapport kien datat sitta u ghoxrin (26) ta' April elfejn u tnax (2012) fejn il-pulizija kienet giet infurmata li seta' kien hemm xi rregolaritajiet li l-Malta Enterprise Corporation kienet intraccjat waqt li kienet qed tipprocessa wahda mill-iskemi li kienet tamministra hi. Fil-fatt kien gie spjegat li fost l-iskemi li tamministra l-Malta Enterprise taht il-European Region Development Fund ERDF kien hemm dik mgharufa bhala l-ERDF Energy Grant Scheme li kienet tissussidja sa massimu ta' hamsin fil-mija (50%) lill-investiment ta' *energy saving measures*. Naturalment, la hija involuta il-Malta Enterprise, dan kien jirrigwarda investiment li kienu jaghmlu dawk in-nies li kienu fil-business.

Wahda mir-rekwiziti kienet li applikant taht din l-iskema kellu jissottometti tliet *quotations.* Allura kellu jdur tliet stabbilimenti u jforni lil Malta Enterprise bi tliet *quotations* li jkun gab. L-allegazzjoni

tal-Malta Enterprise kienet li whud mill-applikanti setghu issottomettew *quotations* mahruga minn *suppliers* fittizji u ghaldaqstant il-pulizija ntalbet tinvestiga dawn l-allegati irregolaritajiet sabiex allura jigi stabbilit jekk kienx hemm reati kriminali li johorgu minn din l-investigazzjoni. Qal li fil-fatt kienet investigazzjoni wiesa' fejn fiha gie konkluz, li kien hemm ammont ta' irregolaritajiet li bihom kienu gew infurmati l-awtoritajiet. Zied li pero' mhux necessarjament li dawn kienu jammontaw ghal reat kriminali u rigward dan kienu hadu anke parir minghand l-Avukat Generali.

Pero' fil-kaz ta' operatur partikulari u cioe' Di Natura li joperah Godfrey Formosa ID Card 102979M apparti dawn l-irregolaritajiet li sabu, fil-konfront ta' *suppliers* ohra, sabu wkoll li dan seta' wettaq reati kriminali u allura sussegwentement bdew dawn il-proceduri odjerni. Spjega wkoll f'iktar dettall l-investigazzjonijiet tal-pulizija fiex kienu jikkonsistu. Originalment kellu numru ta' laqghat mal-ufficjali tal-Malta Enterprise fosthom ma' Christian Mallia, Senior Executive ERDF Aid; Paul Baldacchino, Chief Officer Incentives u anke mac-Chief Officer ta' dak iz-zmien tal-Malta Enterprise Dr. Sue Vella. Kien gie infurmat li dawn l-irregolaritajiet kienu jmorru lura ghas-sena elfejn u disgha (2009) fejn allura dak iz-zmien il-Malta Enterprise kienet harget zewg *calls* separati sabiex kumpaniji privati setghu jibbenifikaw minn din l-iskema. Id-dati tal-gheluq taghhom kienu April u Settembru elfejn u disgha (2009) rispettivament u wara dan il-Malta Enterprise kienet harget it-tielet sejha.

Kien gie spjegat li fir-rigward tal-ewwel zewg sejhiet l-*equipment* in kwistjoni kien gie installat u fil-kaz tal-ewwel sejha l-applikanti li

kienu eligibbl gew mghoddija il-*grants* rispettivi, filwaqt li ghat-tuieni sejha uhud mill-*grants* kienu ghadhom ma hargux. Fir-rigward tat-tielet sejha din kienet ghadha fil-process, l-*equipment* kien ghadu qed jigi installat u ebda wiehed mil-applikanti ma kien ghadu rcieva ebda sussidju. Il-Malta Enterprise spjegat li r-rapport taghhom ma kien bl-ebda mod jikkoncerna xi approprjazzjoni ndebita ta' fondi fejn allura ma kienx allegat li xi kumpaniji bbenefikaw min din l-iskema minghajr ma nstallaw l-*equipment* u dan anke peress li qabel inhargu s-sussidji ufficjali tal-Malta Enterprise kienu ghamlu spezzjonijiet fuq is-siti in kwistjoni sabiex jikkonfermaw li l-apparat gie mwahhal.

Pero' l-allegazzjoni kienet li kien hemm *pattern.* Meta bdew jipprocessaw dawn l-applikazzjonijiet sabu li kien hemm *pattern* fil-*quotations* fis-sens li kull darba li jkun hemm l-ahjar *quotation,* li allura hafna drabi kienet tkun l-orhos offerta (ghalkemm mhux necessarjament) iz-zewg *quotations* l-ohra kienu dejjem akkumpanjati mill-istess zewg *suppliers* u f'certu kazijiet anke setghu nhargu minn *suppliers* fittizji. Din kienet partikolarment evidenti fis-sejha numru 2.

Ghar-rigward is-sejha numru 3 kienu gew infurmati li l-Malta Enterprise kienet qaghdet taghmel skrutinju taghhom u allura dawn ma kienux gew riferuti lill-pulizija ghall-investigazzjoni. Fil-fatt ghal dik li ghandha x'taqsam l-ewwel sejha sab li kien hemm tliet (3) *quotations* li fil-fatt kienu gew maghzula mill-Malta Enterprise mahruga minn Di Natura fejn dawn kienu dejjem akkumpanjati minn *quotations* mahruga minn 36 North Solar Solutions u fiz-zewg cirkostanzi l-ohra t-tielet *quotation* kienet tkun jew ta' Watersure Limited u f'kaz iehor Bajada International Solar Systems. Ghar-

rigward it-tieni sejha l-*pattern* irrappurtat mill-Malta Enterprise ghal dak li jirrigwarda lil Di Natura, kien aktar car. Jidher li ghal erbgha u ghoxrin (24) *quotation* ta' Di Natura, li allura ntghazlu mill-Malta Enterprise, dawn kienu akkumpanjati hafna drabi minn 36 North Solar Solutions u Solar & Security.

Gara li dan kien process li ha z-zmien. Hawnhekk si tratta ta' settur fejn it-teknologija tizviluppa malajr f'dan is-settur u kien hemm cirkustanzi fejn kien hemm *equipment* aktar efficjenti u hafna drabi bi prezz orhos. Allura il-Malta Enterprise, qabel ma ghazlet il-*quotations* eligibbli, kienet iffissat stadju iehor f'din it-tieni sejha, dik li sejhet *claims stage* fejn allura l-applikanti dahhlu *quotations* godda fejn hafna drabi l-apparat kien ahjar bi prezzijiet orhos. Din id-darba l-*quotations* ta' Di Natura kienu qed jigu akkumpanjati minn *quotations* ta' Maltese Island Renewables u Fuel Factory.

Peress li mhux biss dejjem kien hemm dan il-*pattern,* cioe' li jkun hemm dejjem Di Natura u zewg *suppliers* ohra, imma peress ukoll li kien hemm l-allegazzjoni li dawn iz-zewg *suppliers* l-ohra li hargu l-*quotations* setghu kienu fittizji, kienu ghamlu verifiki mal-VAT Department fejn allura sabu s-segwenti:

Li l-VAT numbers ikkwotati fuq il-*quotations* ta' Di Natura u Watersure kienu registrati f'isem DNG Projects Limited u Watersure Limited rispettivament u dawn kellhom l-indirizz taghhom Di Natura Psaila Street, Birkirkara u fit-tnejn li huma kien hemm l-involviment bhala Direttur ta' Godfrey Formosa ID102979M.

Ghal dak li jirrigwarda l-VAT number iccitat fuq il-*quotations* ta' 36 North Solar Solutions u cioe' dak bin-numru 17666520, dan kien registrat f'isem Johan Aloisio ID Card 136278M li kien irregistrat li jaghmel Business & Management Consultancy Activities, u li mela allura ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan l-apparat.

Ghar-rigward il-VAT number iccitat fuq il-*quotations* ta' Maltese Island Renewables dak bin-numru 18113713, u jghid li inizjalment kien hemm zball fin-numru mahrug fuq il-*quotations* fejn ghall-bidu kien qed jigi mnizzel 18113763, qal li dan in-numru kien irregistrat f'isem Neville Cassar ID360182M li kien irregistrat bhala manifattur tal-*glass fibres* u allura ma kellu x'jaqsam xejn ma' din it-tip ta' apparat ta' energija li allura tiehu energija alternattiva.

Ghar-rigward il-VAT number citat fuq *quotations* ta' Fuel Factory, dak bin-numru 16453129, dan sabu rregistrat fuq Dorianne Grech ID 207779M, li tigi l-mara ta' Godfrey Formosa u li hija l-*business* taghha huwa registrat bhala Business and Management Consultancy Activities u ghalhekk ukoll ma kellha x'taqsam xejn ma' dan l-apparat ta' energija alternattiva. Qal li allura hawnhekk hareg il-*pattern* li mhux biss dawn il-*quotation*s x'aktarx kienu qeghdin johorgu mill-istess persuna imma anke kienu *quotations* fittizji anke ghall-fatt li l-*quotations* kienu qed jinhargu minn persuni b'VAT number li ma jirrelata xejn ma' dan it-tip ta' xoghol.

Wara li saru l-investigazzjonijiet preliminary, komplew billi kellmu tliet applikanti li kienu bbenifikaw minn din l-iskema li allura hadu xoghol minn ghand Di Natura. Spjega li dan l-ezercizzju sar ma' suppliers ohra wkoll. Ghal dak li jikkoncerna lil Di Natura, u

konsegwentement lill-imputat Godfrey Formosa, allura dawn it-tliet applikanti kienu Rosario known as Raymond Formosa, ta' BV Formosa Co. Ltd li topera l-Bella Vista Hotel fil-Qawra, Noel Cordina ta' N. Cordina Marketing Ltd u Carmelo Bianco ta' Degabriele Co. Ltd. Dawn kollha kienu bbenifikaw minn din l-iskema wara li ssottomettew kwotazzjonijiet mahruga minn Di Natura Ltd. Fil-fatt dawn it-tliet applikanti meta kienu gew mitkellma mill-pulizija kkonfermaw li huma ddiljaw biss ma' Godfrey Formosa ta' Di Natura, li kienu jafu li dan kien il-persuna l-iktar kompetittiv fis-suq u f'zewg kazijiet minnhom l-applikanti anke qalulhom li l-mili tal-applikazzjonijiet taghhom hallewh kollu f'idejn l-istess Godfrey Formosa, huma sempliciment iffirmaw fejn indikalhom l-istess Godfrey Formosa. Zied li fil-fatt l-ebda wiehed minn dawn it-tliet applikanti ma kien konxju mill-*quotations* l-ohra li kienu dahlu mal-*quotation* ta' Di Natura u allura Solar & Security, 36 North Solar Solutions, Maltese Islands Renewables u Fuel Factory. Qalu li ma kienux jafu bihom u li huma biss iddiljaw ma' Godfrey Formosa, marru ghand wiehed biss.

Hawnhekk qal li wara dan l-istadju tal-investigazzjoni deher li kien hemm *prima facie case* fil-konfront tal-imputat u anke persuni ohra u ghaldaqstant fit-tnejn (2) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) il-Magistrat tal-ghassa Dr. Gabriella Vella kienet forniet lill-pulizija bil-mandati ta' arrest u tfittxija fil-konfront ta' dawk kollha nvoluti. Numru ta' persuni gew arrestati u interrogati bejn l-erbgha (4) ta' Gunju u s-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012).

Ikkonferma li gharaf lil Godfrey Formosa bhala l-imputat fl-Awla u li dan hu direttur ta' DNG Projects Ltd u Di Natura Ltd li joperaw it-

*trade name* Di Natura. Formosa kien gie nterrogat fl-erbgha (4) u fis-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) wara d-debita twissija skont il-ligi u b'kollox Formosa kien irrilaxxja tliet (3) stqarrijiet wara d-debita twissija skont il-ligi.

Min-naha tieghu Formosa kien irrifjuta li qabel l-interrogazzjoni jikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali. Ghal dak li jikkoncerna Di Natura apparti lil Godfrey Formosa kienu nterrogaw ukoll lill-Inginier Johan Aloisio ID Card 136278M, li kif spjega qabel il-VAT number li huwa rregistrat f'ismu huwa attribwit mal-*quotations* mahruga bhala 36 North Solar Solutions, kif ukoll lil certu Alfred Delicata ID 123356M, ta' Carpet Zone pero' li l-VAT number tieghu kien attribwit mal-*quotations* mahruga bhala Solar & Security, kif ukoll lil certu Neville Cassar ID 360182M li f'ismu kien irregistrat VAT number li kien jakkumpanja l-*quotations* mahruga bhala Maltese Island Renewables. Ma' dawn kien ukoll interroga lil Dorianne Formosa Grech ID 207779M il-mara tal-imputat Godfrey Formosa li kien hemm VAT number li jghajjat lilha li kien qed ikun attribwit ma' *quotations* mahruga bhala Fuel Factory.

Dawn il-persuni kollha ghazlu li ma jikkonsultawx ma' avukat qabel ma jigu interrogati. Minn dawn l-investigazzjonijiet irrizulta li Godfrey Formosa minghajr il-konoxxenza ta' Johann Aloisio, minghajr il-konoxxenza ta' Alfred Delicata u minghajr il-konoxxenza ta' Neville Cassar kien qed johrog quotations b'VAT number taghhom u f'cirkostanzi anke ffalsifika l-firem taghhom fuq dawn il-quotations. Min-naha tieghu Godfrey Formosa filwaqt li kkonferma li kien qed johrog dawn il-*quotations* huwa nnifsu, nsista li t-tlieta li huma kienu konxji minn dak li kien qed jaghmel, pero' dan kollu kien gie michud

minn Aloisio, Delicata u Cassar rispettivament. F'cirkostanza minnhom sar konfront bejn is-Sur Aloisio u Godfrey Formosa, fejn f'wicc Formosa stess Aloisio kkonferma li hu qatt ma awtorizzah johrog *quotations* bil-VAT number tieghu.

Min-naha tieghu Godfrey Formosa ghal dak li jirrigwarda l-firem ta' dawn il-persuni fuq dawn il-*quotations* qal li hu kien jaghmel *initials* u mhux firem ta' dawn il-persuni. L-Ispettur Gafa' qal li filwaqt li Formosa kien qed jikkonferma li kien qed jaghmel dawk li sejhilhom *initials,* ghall-investigaturi dawk kienu firem. Sussegwentement kienet saret tfittxija minn PC 1305 Silvio Zammit u PC 499 Ismael Buhagiar, it-tnejn addetti mal-Economic Crimes Unit, fil-post Di Natura Psaila Street, Birkirkara u hemmhekk dawn il-pulizija kienu elevaw *laptop computer* tal-marka HP Probook minghand Godfrey Formosa u dan ghaliex anke Godfrey Formosa nnifsu stqarr maghhom li f'dan il-*laptop* kien izomm dawn il-*quotations* allegatament foloz. Formosa nnifsu fil-fatt hekk iddiskrivihom fuq is-sistema tieghu. Indikalhom hu stess fejn kienu storjati, go folder jismu *False Quotes* kreat minnu stess, u fil-fatt dawn sabuhom fejn indikalhom hu. Spjega li f'dik it-tfittxija kien Godfrey Formosa nnifsu li indikalhom fuq liema *computer* kienu jinsab, anke ghall-fatt ghaliex li ma kienx hekk kienu jelevaw il-*computers* l-ohra kollha li kien hemm, izda huma bl-ebda mod ma riedu jwaqqfu l-operat ta' kumpanija. Kien jinteressahom biss li jsibu dak li kien relevanti ghal din l-investigazzjoni. Insista li kien Gedfrey Formosa nnifsu li anke indikalhom fejn kien qed izomm dawn il-*quotations,* u li fil-fatt ir-*route* taghha kien My Documents, go My Documents kien hemm folder iehor Godfrey Formsa 2009, go dan il-folder kien hemm folder iehor bl-isem ta' Di Natura u kien go dan il-folder Di Natura fejn kien

hemm folder iehor bl-isem ta' *False Quotes*, dak li ghadu kemm ghamel referenza ghalih. Allura kien go dan il-folder fejn Godfrey Formosa kien izomm dawn il-kwotazzjonijiet li kif iddeskrivihom hu stess kienu allegatament foloz.

Spjega li immedjatament kien ta struzzjonijiet lis-Cyber Crime Unit tal-pulizija sabiex jaghmlu analizi fuq dan il-*laptop computer* u dawn kienu kkonfermawlu li fil-fatt kienet tezisti din ir-*route* u anke kien jezisti dak il-folder b'dawn id-dokumenti go fih kif indikat mil-imputat Godfrey Formosa.

Min-naha tieghu Neville Cassar kien gie interrogat fis-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012), u spjega kif fis-sitt (6) snin ta' qabel kien jahdem bhala *clerk* ma' kumpanija privata bl-isem ta' Planet Services Ltd li hija nvoluta fis-settur tal-ivjaggar. Qabel dak Cassar kien impjegat bhala *clerk* ma' kumpanija bl-isem ta' Ancomes. Stqarr li apparti l-*full time job* tieghu kellu *part time job* ta' *fibre glass* u *spray painting* u li dan ix-xoghol kien jaghmlu flimkien ma' missieru go garaxx sitwat Ta' Maggi, Industrial Park, Xaghjra limits of Zabbar.

Neville Cassar qal li hu qatt ma kien inovlut fin-negozju tal-panelli votovoltajici jew xi tip ta' *business* iehor relatat ma' energija alternattiva u min-naha tieghu qal li ma kien jaf b'xejn bit-Trading Maltese Island Renewables. Fakkar lill-Qorti li attribwit ma' Maltese Island Renewables kien hemm VAT number li huwa registrat f'isem Neville Cassar, filwaqt li Neville Cassar sostnali hu ma jaf b'xejn b'dan l-isem Maltese Islands Renewables. Meta kien qed jigi muri *quotations* partikulari mahruga bhala Maltese Island Renewables, Neville Cassar ikkonferma certu dettalji fuqhom fosthom il-*mobile*

*number* tieghu 99468660 kif ukoll l-indirizz tal-garaxx minn fejn kien jopera qabel, pero' nsista li l-firma kienet wahda falza w li hu qatt ma hareg *quotations* jew qatt b'xi mod kien involut f'dak it-tip ta' negozju ta' energija alternattiva.

Ix-xhud zied jghid li staqsa lil Cassar jekk kienx jaf lil Godfrey Formosa u Neville Cassar stqarr li kien jafu. Qalilhom li l-ewwel darba li kien sar jafu kien madwar tmien (8) snin qabel meta kien jahdem fil-kumpanija Ancomes. Spjegalhom li dak iz-zmien Formosa kien jahdem bhala *accountant* ma' certu Norman Darmanin Demajo u kienu jattendu gol-kumpanija Ancomes sabiex izommu l-*accounts* ta' dik l-istess kumpanija.

Cassar kompla jghidilhom li xi zmien wara, meta kien ga telaq jahdem minn ma' Ancomes, kien talab self lill-APS Bank ghaliex kien se jaghmel investiment f'garaxx gdid u l-Bank apparti li talbu l-FS3 talbu wkoll *profit and loss accounts* tieghu. Hawnhekk ftakar f'Godfrey Formosa u talbu jassistih f'dan ir-rigward u fost id-dettalji li talbu Godfrey Formosa talbu wkoll il-VAT number tieghu. F'dak iz-zmien Neville Cassar kien jopera minn garaxx li l-indirizz tieghu fil-fatt kien indikat fuq il-*quotations* li hargu fis-sejha numr 2 tal-Malta Enterprise, cioe' l-*quotations* ta' Maltese Island Renewables. Ix-xhud spjega li mela dak iz-zmien is-Sur Cassar kien qed jopera minn garaxx, xtaq jiccaqlaq go garaxx iehor u ried jiehu self mill-Bank ghal dan u l-Bank talbu *profit and loss account*, qabbad lil Godfrey Formosa u dan fost id-dettalji li talbu, talbu l-VAT number u anke l-indirizz minn fejn kien jopera.

Meta kien gie interrogat, Neville Cassar kien irrapporta wkoll li f'dik l-istess gimgha meta kien intalab imur fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghall-interrogazzjoni, kien cempillu Godfrey Formosa w kien talbu jmur fix-showroom tieghu ghaliex ried ikellmu. Cassar mar u hemmhekk Formosa nfurmah ghall-ewwel darba li kien hareg *quotations* b'VAT number tieghu fuq *trade name* Maltese Renewables u qallu biex ghal mistoqsijiet li jaghmlulu l-pulizija jghidilhom li hu kien jaf bihom u hu kien hareg dawk il-*quotations* fuq talba tal-istess Formosa.

L-Ispettur Gafa' qal ukoll li s-Sur Formosa allegatament kien ta lil Cassar kopja ta' *statements* li l-Inginier Johann Aloisio kien ghamel diga' mal-pulizija, kien ukoll inghata kopja tal-*quotations* mahruga mill-istess Formosa bl-isem ta' Maltese Island Renewables, kif ukoll tah timbru li s-Sur Formosa kien talbu biex izomm id-dar tieghu biex jghaddih biss lill-pulizija jekk kemm-il darba jitolbuhulu. Min-naha tieghu Formosa kien talab ukoll lil Neville Cassar sabiex ghad-domandi tal-pulizija dan iwiegeb b'mod partikulari u anke qallu xi jwiegeb jekk jistaqsuh x'tip ta' marka kien l-*equipment* li kien qed jimporta, fejn tah xi isem partikulari. Qallu wkoll biex jekk jigi mistoqsi kemm hareg quotations jghidilhom li hareg madwar ghoxrin (20) *quotation*.

Cassar ghadda d-dokumenti u t-timbru li tah Formosa lill-pulizija u huma kienu hargulu ricevuta taghhom. Cassar kien anke ntalab jirrilaxxja kampjun ta' firem tieghu, biex allura huma setghu iqabbluhom mal-firem li kien hemm fuq id-dokumenti mahruga mill-Maltese Island Renewables. Ghar-rigward in-numru tal-VAT, Neville Cassar kien stqarr li xi sena qabel kien ircieva telefonata minghand

Godfrey Formosa fejn dan kien qallu li kien issottometta applikazzjoni mal-Malta Enterprise f'ismu u galadarba dan bi zball kien dahhal il-VAT number tieghu bi zball, ghamel numru hazin, talbu jibghatlu l-VAT number tieghu mill-gdid. Qallu wkoll biex jekk jircievi xi telefonata mill-VAT Department, kellu jghidilhom li kien ghadda n-numru tal-VAT hazin lil Godfrey Formosa. Cassar qal li f'dak iz-zmien kien imhabbat peress li kien ghadu qed jirranga dan il-garaxx gdid tieghu u haseb li s-Sur Formosa kien dahhal applikazzjoni mal-Malta Enterprise *through* l-iskema micro-invest sabiex igiblu fondi peress li kien qed jinvolvi ruhu f'investiment gdid gol-garaxx tieghu.

L-Ispettur Gafa' zied jghid li min-naha tieghu l-Inginier Johann Aloisio, li kif ga spjega qabel il-VAT number irregistrat fuqu kien attribwit mal-*quotations* mahruga bhala 36 North Solar Solutions, kien gie nterrogat darbtejn, l-ewwel darba fl-erbgha (4) u t-tieni darba fis-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) fejn dana spjega illi fl-elfejn u disgha (2009) hu u certu Manuel Xuereb kienu wrew interess li jibdew jimportaw dan l-apparat ta' energija alternattiva, pero' wara li kkonsidraw l-affarijiet u kien rega' hasibha darbtejn, iddecieda li jintensifika l-energija tieghu billi jipprovdi servizz ta' konsulenza fuq is-servizz ta' energija minghajr ma joqghod jimporta dan l-apparat, u fil-fatt dan is-servizz joffrih lil numru ta' operaturi hawn Malta, inkluz Di Natura, Electro Fix, Clever Homes, Solar Gozo u BT Commercials.

Spjega li fl-elfejn u disgha (2009) fuq struzzjonijiet ta' Godfrey Formosa kien hareg zewg *quotations* bhala 36 North Solar Solutions u dawn harighom ghal C. Fino & Sons u Pace & Mercieca. Dan kien ghall-ewwel sejha u dawn kienu l-unika zewg *quotations* li Johann Aloisio kien jaf bihom u li fil-fatt kienu gew iffirmati mill-*partner*

tieghu ta' dak iz-zmien Manuel Xuereb. Ghar-rigward il-*quotations* l-ohra mahruga bhala 36 North Solar Solutions, Johann Aloisio insista li dawn kienu nhargu minghajr konoxxenza tieghu u dan qalu anke fil-prezenza ta' Godfrey Formosa li beda jinsisti mod iehor. Is-Sur Aloisio anzi insista li qatt ma ta struzzjonijiet lil xi hadd sabiex johrog dawn il-*quotations* fit-trade name 36 North Solar Solutions u lanqas bil-VAT number tieghu. Ikkonferma wkoll li l-firem kollha fuq dawk il-*quotations* li suppost kienu jappartjenu lilu kienu firem foloz. Is-Sur Aliosio wkoll kien gie mitlub jirrilaxxja kampjun ta' firem ghall-analizi tal-pulizija.

Simili ghal dan is-Sur Alfred Delicata ID 123356M ta' Carpet Zone, spjega kif ix-xoghol primarju tieghu huwa l-importazzjoni u tqeghid ta' twapet, pero' qal li sa mill-elfejn u disgha (2009) kien qed jimporta u jinstalla Solar & Security window films li huwa forma ta' *cover* li jitwahhal fuq il-hgieg tat-twieqi, li ma ghandu x'jaqsam xejn allura mal-*equipment* tal-energija alternattiva, fejn l-iskop ta' dan huwa li jnaqqas is-shana u l-UV rays. Dan kien joperah bit-trade name Solar & Security. Spjega kif fl-elfejn u disgha (2009) kien interessat li jidhol fis-settur tal-panelli votovoltajici u fuq talba ta' Godfrey Formosa dak iz-zmien kien hareg bejn tlieta (3) jew erbgha (4) *quotations* ghal dan is-settur. Meta Delicata kien gie mgharraf li l-pulizija kienu ntraccaw xejn inqas minn tlieta u ghoxrin (23) *quotation* mahruga bhala Solar & Security, insista li ma kienx konxju b'dan u qatt ma awtorizza lil xi had, wisq inqas lil Godfrey Formosa, sabiex johorgu dawn il-*quotations* fuq ismu.

Min-naha tieghu kkonferma li l-*letterhead* li kienet tidher fuq dawn il-*quotations* kienet *letterhead* tieghu u qal li jista' jkun li xi darba, meta

kien intalab minn Godfrey Formosa jaghmel dawn il-*quotations,* kien baghthomlu forma ta' *email* u allura hemmhekk minn fejn seta' ha l-*header* ta' dawn il-*quotations.*

Rigward Dorianne Formosa Grech I.D. 207779M, il-mara ta' Godfrey Formosa, kif kienu qed jistennew, insistiet li l-*quotations* ta' Fuel Factory kienet hargithom hi bl-assistenza ta' zewgha l-imputat Godfrey Formosa. Qalet li kienet tiffirma hi dawn il-*quotations,* baqghet tinsisti dan anke meta ngibditilha l-attenzjoni.

Spjega ghal dak li jirrigwarda lil Dorianne Formosa Grech, dina rrilaxxjat kampjun ta' firem u li meta huma qabbluhom mal-firem fuq dawn il-*quotations* raw li ma jaqblux, pero' b'daqshekk xorta ma setghux jaslu ghall-konkluzjoni. Ghaldaqstant ghal dak li jirrigwarda l-imputat irrizulta li Godfrey Formosa ta' Di Natura kien huwa nnifsu qed jikkreja *quotations* bi *trade names* differenti, biex kull darba l-ahjar *quotation* tkun ta' Di Natura. Peress li kien rekwizit mill-Malta Enterprise li jkollok tliet *quotations,* it-tnejn l-ohra kien qed jikkrejahom b'ismijiet u b'VAT numbers fuq persuni differenti. Kif ikkonferma hu stess il-firem taghhom, li hu sejhilhom *initials* izda li ghall-pulizija huma firem, kien qed jaghmilhom hu u dawn il-persuni kollha kkonfermaw li qatt ma awtorizzawh jaghmel dan u ghaldaqstant kienu waslu ghall-konkluzjoni li fil-konfront tal-imputat kienu jammontaw ir-reati ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti u uzu taghhom, kif ukoll dikjarazzjonijiet foloz lill-awtorita' pubblika stante li l-Malta Enterprise Corporation hija entita' pubblika.

Spjega pero' li wara dan kienu anke kkonsultaw mal-Avukat Generali fejn kien qabel mal-konkluzjonijiet tal-pulizija, anke peress li kienet

ghadha qed ssir analizi fuq il-kompjuter *laptop* tal-imputat u dan kien qieghed bil-*police bail.* Formosa kien rega' gie interrogat f'zewg istanzi ohra, fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) u fit-tmienja (8) ta' Lulju elfejn u tnax (2012). Fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) Godfrey Formosa l-imputat kien irrilaxxa zewg stqarrijiet ohra wara d-debita twissija skont il-ligi u wara li rrifjuta li jikkonsulta privatament ma' avukat.

Spjega li fl-ewwel stqarrija ffokaw fuq id-dokumenti li kienu nstabu fil-*laptop* kompjuter tieghu u cioe' sabu tliet dikjarazzjonijiet li kellhom id-*digital signature* tal-Inginier Johann Aloisio kif ukoll *quotation* datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru elfejn u disgha (2009) mahruga lil Yellow Pages Malta Ltd fuq *letterhead* ta' Future Solar VAT number 16453129 li jappartjeni lill-mara tieghu Dorianne Formosa Grech, pero' fuq din il-*quotation* sabu firma ta' *salesman* certu Martin Farrugia.

L-istess Formosa kien gie nterrogat dwar ittra, *letter of correction* li kienet inharget fuq *letterhead* ta' Maltese Island Renewables bil-firma li suppost kienet ta' Neville Cassar ID 360182M u li kienet giet ircevuta fil-Malta Enterprise fit-tmienja (8) ta' Marzu elfejn u tnax (2012).

Spjega li qabel ma nterroga lil Godfrey Formosa rigward id-dokumenti li jikkoncernaw lill-InginierJohann Aloisio, Aloisio kien ikkonferma li filwaqt li d-*digital signatures* kienu tieghu, dawn setghu ittiehdu minn xi dokument li hu kien baghat forma ta' email lil-istess Godfrey Formosa fil-passat. Min-naha tieghu dan ma kellu ebda konoxxenza ta' dawn it-tliet dokumenti u nsista li s-Sur Formosa

ghamel uzu minn dawn bil-firem tieghu minghajr il-konoxxenza tieghu, pero' ma setghux jifhmu, anke l-istess Inginier Johann Aloisio, lil-liema dipartiment jew awtorita' setghu intbaghtu dawn id-dokumenti.

Ghal dak li jirriwarda l-istima ta' Future Solar, fejn kien hemm indikat salesman Martin Farrugia, dan sa dak l-istadju, kien ghadu mhux identifikat mill-pulizija, mentri rigward Maltese Island Renewables il-*correction letter* f'isem Neville Cassar li kienet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju elfejn u tnax (2012), insista ghal darb'ohra li ma kien jaf b'xejn bit-*trade name* ta' Maltese Island Renewables, qatt ma ffirma dokumentazzjoni u allura anke insista li l-firma fuq dan id-dokument kienet wahda falza. Ghaldaqstant meta x-xhud interroga lil Godfrey Formosa, dan qal li ma kienx f'pozizzjoni li jaghti spejazzjoni dwar it-tliet dikjarazzjonijiet li kellhom il-firma ta' Johann Aloisio fuqhom.

Ghar-rigward l-istima ta' Future Solar, is-Sur Formosa qal li dak it-*trade name* qatt ma kien *operational*, pero' kien ikkrejah hu, anke biex jaqdi l-ezigenzi tal-Malta Enterprise biex ikollu tliet *quotations*. Ghalhekk ix-xhud jghid li jigifieri l-imputat stess jghid li kien qieghed jikkreja din il-*quotation* fuq *trade name* li ma kienx operattiv. Aktar tard gie identifikat min kien Martin Farrugia (KI55468M) minn Hal Balzan li kien jahdem ghal zmien qasir hafna mas-sur Formosa. Is-Sur Formosa qal li l-probabilita' hi li kien Martin Farrugia li ghamel din il-firma.

Ix-xhud jghid li sussegwentement meta kien kellem lil Martin Farrugia dwar dan fit-tnejn (2) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) u wrieh dik l-istima ta' Future Solar, dan kien stqarr li kien hadem biss ghal madwar

xahar ma' Di Natura. Dwar it-*trade name* Future Solar ma kien jaf xejn u wisq inqas kien hareg stima lil Yellow Pages Malta Ltd. Fuq kollox insista li l-firma fuq din l-istima ma kinitx wahda genwina u ma kienitx tieghu u f'dik il-gurnata wkoll kien forna lill-pulizija b'kampjun ta' firem tieghu. Ghar-rigward il-*correction letter* ta' Solar Renewable, Godfrey Formosa kien iddikjara li kien hu li kkreja dan id-dokument u ghal darb'ohra kkonferma li kien hu li ghamel dak li hu sejjah l-*initials* ta' Neville Cassar. Ix-xhud jghid li l-Pulizija jaraw din bhala firma mhux *initials*, pero' Godfrey Formosa kien baqa' jsejhilhom *initials*. Ix-xhud jghid li Formosa kien qal li din saret bl-approvazzjoni ta' Neville Cassar, izda Cassar kien cahad kollox. L-Ispettur fil-fatt spjega li din kienet forma ta' tahziza u ghall-Pulizija tahziza ma hija bl-ebda mod *initial*.

Dakinhar li Godfrey Formosa kien ta l-ewwel stqarrija, kien sar konfront bejnu w bejn Neville Cassar fejn dan baqa' jinnega fil-prezenza ta'Formosa li qatt tah il-kunsens li jaghmel xi affarijiet f'ismu u min-naha tieghu Godfrey Formosa kien irrilaxxa stqarrija ohra fejn baqa' jinsisti, baqa' ma' dak li kien qal li kien ghamel kollox bil-kunsens ta' Neville Cassar u qal ukoll li kellu jghaddi dokumentazzjoni lill-Pulizija biex juri li kellu l-awtorizazzjoni ta' Neville Cassar u li turi li Neville Cassar kien jaf b'dak kollu li kien ghaddej. Kien minhabba dill-weghda ta' Godfrey Formosa kien se jghaddi dawn id-dokumenti, li kien rega' gie rilaxxjat bil-*police bail*. *S*ussegwentement, kien gie mitkellem fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), pero' dakinhar Godfrey Formosa ghal darb'ohra kien irrifjuta li jikkonsulta privatament ma' avukat qabel ma jigi interrogat, sussegwentement kien gie interrogat ghal darb'ohra, insista li ma kienx iffalsifika l-firma ta' Martin Farrugia fuq il-*quotation* ta'

Future Solar datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u din id-darba kkonferma li ma kellu l-ebda struzzjonijiet bil-miktub minghand Johann Aloisio jew minghand Neville Cassar li kienu jawtorizzawh sabiex johrog *quotations* f'isimhom. Pero' mbaghad ghaddielu zewg *emails* datati tnax (12) ta' Settembru elfejn u tmienja (2008) u disgha (9) ta' Marzu elfejn u hdax (2011) li skont Godfrey Formosa kienu juru li Aloisio u Cassar kienu konxji minn dak li kien ghaddej.

Il-Pulizija rat li dawn l-*emails* ma kienux jaqblu ma' dak li kien qieghed jghid Formosa. Ghar-rigward il-*correction letter* tal-Maltese Island Solar Renwables, il-Malta Enterprise qalet lill-Pulizija li ma kellhomx *records* ta' min seta' pprezenta dik il-*correction letter*, filwaqt li d-dokumenti ta' Johann Aloisio b'dawk id-*digital signatures* sabuhom li dawk kienu dahlu rigward l-applikazzjonijiet ta' PX Lettin Co Ltd, DIS Combined Industries Ltd u DIS Companies Ltd. Dawn kienu kollha jiffurmaw parti mill-applikazzjonijiet taht is-sejha numru 2 tal-Malta Enterprise. Dawn id-dokumenti kienu gew mghoddija lill-Pulizija minn Christian Mallia Senior Executive ERDF Aid Scheme.

Ix-xhud jghid li kien wara dan, li kien gie konkluz li jittiehdu proceduri kontra l-imputat. Ix-xhud ezebixxa Dok AG3, u cioe' r-rapport datat sitta u ghoxrin (26) t'April elfejn u tnax (2012) tal-Malta Enterprise mibghut lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn allura kienu gew mitluba biex jibdew dawn l-investigazzjonijiet. Ezebixxa wkoll bhala Dok AG4 *specimen* ta' *quotation* kif mahruga minn 36 North Solar Solutions, Dok AG5 *specimen* ta' *quotation* kif mahruga minn Solar & Security, u Dok AG6 *specimen* ta' *quotation* kif mahruga minn Maltese Island Renewables. Ipprezenta d-dettalji tal-VAT Dok AG7,

ir-registrazzjoni tal-VAT, u Dok AG8 l-istimi ta' Di Natura kif kienu akkumpanjati mill-istimi l-ohra taht is-sejha numru 2. Dok AG9 ipprezentat mix-xhud huwa l-mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat datat tnejn (2) ta' Gunju elfejn u tnax (2012), mahrug mill-Magistrat Dr Gabriella Vella. Gie pprezentat Dok AG10 u cioe' id-dikjarazzjoni ta' rifjut ghall-parir legali li l-imputat kien ghamel fil-prezenza tax-xhud u tas-Surgent 474 Norbert Said u PC499 Ismael Buhagiar nhar l-erbgha (4) ta' Gunju elfejn u tnax (2012), u x-xhud gharaf il-firma tieghu, tal-imputat Godfrey Formosa li x-xhud gharaf fl-awla, kif ukoll tas-Surgent Said u l-Kuntistabbli Buhagiar. L-istqarrija li kienet giet rilaxxata mill-imputat nhar l-erbgha (4) ta' Gunju elfejn u tnax (2012), giet immarkata Dok AG11, liema stqarrija giet irrilaxxata wara d-debita twissija skont il-Ligi u wara li l-imputat kien irrinunzja li jikkonsulta privatament ma' avukat u fuqha x-xhud gharaf il-firem tieghu, tal-imputat u tas-Surgent Norbert Said. Dok AG12, ezebit mix-xhud, hija ircevuta li l-Pulizija kienet harget lil Neville Cassar nhar s-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) li tirrigwarda parti mill-istqarrija ta' Johann Aloisio. Ix-xhud spjega li partijiet minn din l-istqarrija huma immarkati bl-isfar u qal li dawk huma mmarkati kif pprezentaha Neville Cassar, kif kien ghaddihielu Godfrey Formosa u l-Pulizija ma ghamlet xejn fuqha u bhala prova li din l-istqarrija ta' Johann Aloisio kienet mghoddija lill-pulizija minn Neville Cassar fuqha hemm il-firma tax-xhud, ta' Neville Cassar u ta' PS474 Norbert Said.

Kompla jghid li l-firem qieghdin bl-inka originali ghaliex taht l-istess firem hemm il-firem tal-istqarrija ta' Johann Aloisio, u din hija pagna tnejn (2) tal-istqarrija ta' Johann Aloisio. Ix-xhud ipprezenta Dok AG13 fejn ezebixxa parti tal-istqarrija ta' Johann Aloisio mghoddija

allegatament mill-imputat lil Neville Cssar fejn tah istruzzjonijiet ta' kif kellu jwiegeb ghal certu mistoqsijiet tal-pulizija. Ix-xhud ezebixxa Dok AG14 u cioe' *quotation* ta' Maltese Island Renewables li skont Cassar kien ghaddielu Godfrey Formosa biex ikun jaf xi *quotations* kien qieghed johrog u ghal darb ohra hemm fuqha t-timbru bil-firma tax-xhud stess datat sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012), dakinhar li ghaddihomlhom Neville Cassar bil-firma ta' Neville Cassar u tas-surgent 474 Norbert Said bhala prova li kien ghadda d-dokument l-istess Neville Cassar. Gie ezebit Dok AG15, u cioe' t-timbru ta' Maltese Island Renewables, fejn hemm miktub Maltese Island Renewables u taht mobile number 99468660. Dan it-timbru kien mghoddi lill-Pulizija minn Neville Cassar wara li kien Godfrey Formosa stess li ghaddihulu, kien qallu li kellu jzommu d-dar u jghaddih lill-Pulizija kemm-il darba jitolbuhomlu. Ix-xhud jghid li Cassar stess kien ghaddieh lill-Pulizija minghajr ma talbuh.

Gie ezebit kampjun tal-firem li' Neville Cassar irrilaxxa fil-prezenza tax-xhud u tas-surgent 474 Norbert Said fis-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) fil-hdax u erba' minuti ta' filghodu (11:04) u dan gie immarkat Dok AG16. Gie pprezentat kampjun iehor ta' ghaxar firem ta' Neville Cassar li rrilaxxahom fil-prezenza tax-xhud u tas-surgent 474 Norbert Said fis-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) ftit tal-hin wara fil-hdax u ghaxra ta' filghodu (11:10) u dan gie immarkat Dok AG17. Iz-zewg kampjuni ttiehdu fl-ufficcju tax-xhud. Gie pprezentat kampjun tal-firem ta' Johann Aloisio li ttiehdu fil-prezenza tax-xhud u tal-kuntisabbli 499 Ismael Buhagiar fis-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) ghall-habta tal-erbgha neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar (15.40), u gew immarkati Dok AG18. Gie ezebit Dok AG19 u cioe' dikjarazzjoni ta' rifjut tal-parir legali li Godfrey Formosa

kien ghamel fl-ufficcju tax-xhud nhar is-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) fil-prezenza tax-xhud, tas-surgent 474 Norbert Said u ta' PC1305 Silvio Zammit, u x-xhud iddikjara li gharaf il-firem tal-persuni indikati. Giet ezebita l-istqarrija li kien irrilaxxa l-imputat dakinhar tas-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012), u mmarkata Dok AG20, li hija komposta minn tliet (3) faccati u ttiehdet wara d-debita twissija skont il-Ligi u x-xhud gharaf il-firem tieghu, tal-imputat, kif ukoll ta' PS474 Norbert Said. Giet ezebita Dok AG21 u cioe' l-ircevuta li kienet giet mahruga lil Godfrey Formosa fl-istess gurnata tas-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) mis-Cyber Crime Unit, hija ircevuta numru 794 fejn tirrigwarda l-qabda tal-*computer laptop* HP Probook bid-dettalji indikati fl-istess ircevuta, li giet iffirmata minn Godfrey Formosa kif ukol PS1138 Andre' Spiteri addett mas-Cyber Crime Unit. Gie ezebit Dok AG22 u cioe' t-tieni stqarrija li l-imputat Godfrey Formosa kien irrilaxxa nhar is-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) fl-ufficcju tax-xhud, u din hija komposta minn zewg (2) faccati, u fuqha x-xhud gharaf il-firma tieghu u dik ta' PC499 Ismael Buhagiar, u din id-dikjarazzjoni kienet ittiehdet wara d-debita twissija skont il-Ligi. Bhala Dok AG23, ix-xhud ezebixxa kumplessivament it-tliet (3) dokumenti li kienu nstabu fil-*laptop* ta' Godfrey Formosa, dikjarazzjonijiet suppost mahruga mill-Inginier Johann Aloisio li fuqhom hemm indikat fil-parti t'isfel id-*digital signature* ta' Johann Aloisio. Johann Aloisio kien qal lill-Pulizija li ma kien jaf xejn dwar dawn id-dokumenti u dawn instabu fil-laptop ta' Godfrey Formosa. Bhala Dok AG24, ix-xhud ezebixxa korrispondenza mill-Malta Enterprise, datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) fejn dawn infurmaw lill-Pulizija li kienu nttraccaw l-ittri ta' Johann Aloisio, dawn id-dikjarazzjonijiet ta' Johann Aloisio u kkonfermaw li wara li vverifikaw il-firem sabu li l-firem ma

kenux maghmula bl-inka imma kienu digital signatures u giet ipprezentata kkonferma min-naha tal-Malta Enterprise. Bhala Dok AG25, ix-xhud ezebixxa l-istima ta' Future Solar mahruga lil Yellow Pages Malta Ltd, fejn is-salesman Martin Farrugia kien qal li dam biss xahar jahdem ma l-imputat u kien insista li l-firma fuqha ma kienitx wahda tieghu, din instabet fuq il-laptop tal-imputat ezebixxa wkoll estratt mir-rapport tac-Cyber Crime Unit fejn instab dan id-dokument. Bhala Dok AG26, ix-xhud ezebixxa kampjun tal-firem tal-istess Martin Farrugia li gew rilaxati fl-ufficcju tax-xhud nhar it-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax, fil-prezenza tax-xhud u tal-Ispettur Jonathan Ferris. Ix-xhud ezebixxa Dok AG27, u cioe' *letter of correction* suppost mibghuta minn Neville Cassar lil Malta Enterprise bil-*letterhead* ta' Maltese Island Renewables datat sittax (16) ta' Jannar elfejn u hdax (2011) fejn qieghed jindika li bi zball kien qieghed jikkwota l-VAT number tieghu hazin. Din i*l-letter of correction* flimkien ma' zewg (2) dokumenti annessi maghha u cioe' estratt tac-certifikat tal-VAT kif ukoll *quotation* ta' Maltese Island Renewables komplessivament gew ezebiti u mmarkati bhala Dok AG27. Id-dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-parir legali li Godfrey Formosa kien irrilaxxa fl-ufficcju tax-xhud nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-prezenza tax-xhud, tal-Ispettur Jonathan Ferris u ta' PC499 Ismael Buhagiar, giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok AG28; ix-xhud gharaf il-firem ta' dawn il-persuni indikati. Bhala Dok AG29, ix-xhud ipprezenta l-ewwel stqarrija rrilaxxata mill-imputat Godfrey Formosa nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) wara d-debita twissija skont il-ligi fl-ufficcju tax-xhud fl-ghaxra ta' filghodu (10:00) u fuq din l-istqarrija komposta minn tliet (3) faccati ix-xhud gharaf il-firem tieghu, tal-imputat u ta' PC499 Ismael Buhagiar. Dakinhar stess

tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju elfejn u tnax (2012), l-imputat kien irrilaxxa stqarrija ohra wara li nghata s-solita twissija skont il-Ligi fil-prezenza tax-xhud u ta' PC499 Ismael Buhagiar, u din hija komposta minn zewg (2) faccati u x-xhud gharaf il-firem tal-persuni indikati. Din giet ezebita bhala Dok AG30. Dok AG31 hija d-dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-parir legali li l-imputat Godfrey Formosa kien irrilaxxa fl-ufficcju tax-xhud nhar it-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-prezenza tax-xhud, ta' PC134 Ryan Agius u PC499 Ismael Buhagiar, u x-xhud gharaf il-firem taghhom. Bhala Dok AG32 giet ezebita l-istqarrija li l-imputat irrilaxxa wara d-debita twissija skont il-ligi fl-istess gurnata u cioe' nhar it-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), komposta minn zewg (2) faccati, fejn gharaf il-firem tal-imputat, tax-xhud u PC499 Ismael Buhagiar. Ix-xhud ezebixxa bhala Dok AG33 email li kienet giet mghoddija lill-Pulizija mill-imputat Godfrey Formosa, fejn Formosa qieghed jghid li Neville Cassar kien jaf u kien qieghed jawtorizza dak kollu li kien qieghed jaghmel f'ismu u ghalhekk bhala konferma li dan id-dokument ghaddieh l-imputat hemm indikati l-firem tieghu, it-timbru tat-tmienja (8) ta' Lulju elfejn u tnax (2012), il-firma ta' Godfrey Formosa kif ukoll il-firma tal-kuntisabbli PC499 Ismael Buhagiar. Bhala Dok AG34, ix-xhud ezebixxa t-tieni email li l-imputat kien ghadda lill-Pulizija dakinhar tat-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) li skont hu kienet turi li Johann Aloisio kien jaf u konxju b'dak kollu li kien qieghed jaghmel l-imputati, u hemm il-firem tal-persuni li jindikaw li dan id-dokument gie mghoddi lill-pulizija mill-imputat Formosa. Bhala Dok AG35, ix-xhud ezebixxa kopja awtentika tas-sentenza mghotija fil-konfront tal-imputat, datata hmistax (15) t'Ottubru elfejn u tmienja (2008), mill-Qorti tal-Magistrati Malta, tal-Magistrat Dr Audrey Demicoli.

Ix-xhud ezebixxa Dok AG36, u cioe' Memorandum and Articles tas-socjeta' Di Natura Limited, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni C45057, mahrug mill-Malta Finacial Services Authority u juri l-boll tal-istess Awtorita'. Ix-xhud ezebixxa wkoll Dok AG37, u cioe' Memorandum and Articles tas-socjeta' DNG Projects Limited, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni C38165, mahrug mill-Malta Finacial Services Authority u juri l-boll tal-istess Awtorita'. Dawn iz-zewg dokumenti juru li l-imputat huwa direttur fiz-zewg azjendi. Ix-xhud ezebixxa wkoll Dok AG38, u cioe' rapport redatt mis-Cyber Crime Unit dwar analizi li huma ghamlu fuq il-laptop tal-imputat.

**PS1146 Edward Zammit**, xehed fid-19 t'Awwissu 2013, u stqarr li kien qieghed jixhed minn fuq rapport li ghamel huwa stess dwar l-ezami li ghamel fuq il-kompjuter li gie elevat minghand is-Sur Godfrey Formosa (KI102979), liema rapport gie wkoll *reviewed* mill-Ispettur Timothy Zammit.

Ix-xhud qalr li nhar is-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnax (2012), l-Ispettur Angelo Gafa', li dak iz-zmien kien stazzjonat l-Economic Crimes Unit kien talab l-assistenza tas-Cyber Crime Unit sabiex tigi analizzata evidenza digitali in konnessjoni ma' investigazzjoni fuq falsifikazzjoni ta' dokumenti. Dakinhar stess Godfrey Formosa (KI102979M) gie akkumpanjat minn PC1305 Silvio Zammit stazzjonat l-Economic Crimes Unit, fejn hadu maghhom computer system tal-ghamla HP bis-serial number CNU21240CK appartenenti lis-Sur Godfrey Formosa. Inghatat ircevuta bin-numru 794 lil Formosa dak inhar, giet iffirmata mis-Sur Formosa kif ukoll minn rapprezentant

tas-Cyber Crime Unit, PC1138 Andrei Spiteri u kopja ta' din l-ircevuta giet ezebita flimkien mar-rapport.

Ix-xhud jghid li dakinhar is-Sur Gafa' kien tahom tliet (3) dokumenti li kienu *invoices* illi kienu juru fuqhom il-*logos* ta' kumpaniji bl-isem ta' Solar & Security, Maltese Island Renewables, kif ukoll 36 North Solar Solution. Kopja ta' dawn l-invoices li pprovda l-investigatur qeghdin ukoll annessi mar-rapport. L-investigatur talab lis-Cyber Crime Unit biex janalizzaw il-*computer system* sabiex jaraw jekk kienx hemm xi invoices relatati ma' din l-investigazzjoni waqt li l-equipment baqa' fil-Unit. Ix-xhud kien gie assenjat biex jaghmel l-ezamijiet forensici fuq dan il-*computer system*. Zied li meta fetah il-kompjuter sab li kellu *hard disc* wahda u din giet esebita u mmarkata bhala Dok PC01HD01. Ix-xhud spjega li qabbad din il-*hard disc* mal-*equipment* forensiku tal-Unit, u ghamel l-analizi fuq dan il-kompjuter. Irrizulta li l-*hard disc* giet accessata l-ahhar fis-sitta (6) ta' Gunju elfejn u tnax (2012). Qal ukoll li bhala parti mill-analizi li ghamel, kien sab li fil-folder *structure* kellu tliet (3) folders, wiehed jismu False Quotes, l-iehor jismu Future Solar False Quotes u t-tielet wiehed kien jismu Maltese Islands Renewables. Dawn it-tliet (3) folders partikolari deher li kellhom informazzjoni relatata mal-investigazzjoni, in fatti fil-*folder* jismu False Quotes instabu mija u sebghin (170) file, ovvjament ta' dimensjonijiet differenti, u li kien fihom kemm *documents,* kemm *spreadsheets*, kif ukoll xi ritratti. Dawn il-files dehru li kienu relatati mal-investigazzjoni.

Gew esportati sabiex ikun jista' jkompli jinvestigahom l-Ispettur. Id-dettalji ta' dawn il-files qieghdin fl-appendici fir-rapport. Ix-xhud indika li fil-folder Future Solar False Quotes instabu sitt (6) files li

kienu relatati mal-investigazzjoni u l-istess gew esporatai fuq *diskette* li qieghda annessa mar-rapport u *table* bid-dettalji teknici ta' dawn il-*files* qieghda wkoll annessa ma' dan ir-rapport. Fil-folder li jgib l-isem ta' Maltese Islands Renewables, instabu tmien (8) files u dawn il-files dehru wkoll relatati mal-investigazzjoni, u gew esportati u d-dettalji taghhom qieghdin annessi mar-rapport. Ix-xhud spjega li sar ezami, *search* ghal MS Word files documents li jinsabu fuq il-kompjuter, instabu tmien mija u tletin (830) Word File, fejn apparti is-sitta u erbghin (46) minnhom li kienu fil-folder False Quotes, kien hemm tnejn u erbghin (42) ohra li dehru relevanti ghall-investigazzjoni. Dawn gew esportati fuq *optical diskette* u d-dettalji teknici taghhom qieghdin annessi mar-rapport. Saret ukoll tfittxija ghal PDF files, fejn instabu erbat elef, seba' mija u tmintax (4,718) fuq dik il-*hard disc* partikolari, sitta (6) minnhom instabu fil-folders False Quotes u Future Solare False Quotes, pero' barra minn dawn f'postijiet ohra fuq il-*hard disc* instabu seba' (7) PDF files ohra, li kienu relatati mal-investigazzjoni u gew esportati ghall-investigatur.

Saret tfittixija wkoll ghal *spread sheets* fuq il-*hard disc* in generali, u instabu elf, sitt mija u tmienja u hamsin (1,658) spread sheet, erbgha u sebghin (74) minnhom kienu instabu f'False Quotes fil-folder li jismu Future Solar False Quotes u fil-folder jismu Maltese Island Renewables. Barra minn dawn instabu sitt (6) *spread sheet*s ohra f'postijiet ohra fuq il-hard disc u d-dettalji taghhom kif ukoll kopja taghhom qieghda mar-rapport. Ir-rapport tal-analizi gie mmarkat Dok EZ1, waqt li l-*hard disc* li fuqha sar l-ezami giet immarkata bhala Dok EZ2.

**Connie Azzopardi**, xehdet nhar id-19 ta' Awwissu 2013, in rapprezentanza tad-Direttur Generali tal-VAT, u stqarret li n-numru tal-VAT 17886531 qieghed f'isem D & G Products Limited, C38165, fejn l-istatus tieghu huwa *active,* bid-data ta' registrazzjoni tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006), fejn l-attivita' ekonomika hija ta' *retail sale of electrical household appliances in specialised stor*es, u l-indirizz tal-business kif ukoll l-indirizz postali huwa Di Natura, Triq Salvu Psaila, Birkirkara.

Rigward il-VAT number 17423419, ix-xhud indikat li dan huwa tas-socjeta' Water Sure Limited (C35707), l-account huwa wiehed attiv, *pending deregistration.* Qalet li peress li kien hemm ammonti, dovuti lill-VAT huma ma jkunux jistghu jidderegistraw qabel il-bilanc jigi zero (0). Id-data tar-registrazzjoni hija sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005), u l-economic activity hija *for sale of other machinery and equipment. L*-indirizz tal-business kif ukoll l-indirizz postali huwa Di Natura, Triq Salvu Psaila, Birkirkara.

Rigward il-VAT number 17666520, ix-xhud indikat li dan huwa f'isem Johann Aloisio (KI136278M), l-account huwa wiehed *inactive, pending deregistration*. Id-data tar-registrazzjoni hija tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), u l-*economic activity* hija *business and other management consultancy services*. L-indirizz tal-business kif ukoll l-indirizz postali huwa Apartment 2292109348, Portomaso, San Giljan.

Rigward il-VAT number 14735026, ix-xhud indikatli dan huwa tas-Sur Alfred Delicata (KI123356M), l-account huwa wiehed attiv, u d-data tar-registrazzjoni hija l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u

disgha (2009) (fid-dokument 2999), u l-economic activity hija *for retail sale of textiles in specialised stores*; l-indirizz tal-business huwa Carpet Zone, Wied Hal Balzan, Hal Balzan, kif ukoll l-indirizz postali huwa Ichtus, Tirq Guze' Galea, Iklin.

Rigward il-VAT number 18113763, ix-xhud indikat li dan in-numru ma jezistix.

Rigward il-VAT number 18113713, qalet li dan huwa ta' Neville Cassar (KI360182M), l-account huwa wiehed inactive, skont Legal Notice 524/2010 ghaliex l-attivita' ekonomika tieghu huwa inqas minn seba' telef Ewro (€7000). Id-data tar-registrazzjoni hija hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006), u l-economic activity hija *manufacture of glass-fibers*; l-indirizz tal-business huwa BPK Styling, TA' Maggi, Maggi Industrial Park, Triq San Leonardo, Xghajra, waqt li l-indirizz postali huwa JoeMar, Triq Wied il-Ghajn, Haz-Zabbar.

Rigward il-VAT number 16453129, qalet li dan huwa f'isem Dorianne Grech (KI207779M), l-account huwa wiehed attiv. Id-data tar-registrazzjoni hija wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002), u l-economic activity hija *other information technology and computer service activities*; l-indirizz tal-business u indirizz postali huwa DMG Design V Mar 2 A1, Triq l-Imdina, Naxxar.

Ix-xhud ezebiet id-dokument CA1, li turi l-informazzjoni li hija xehdet dwarha.

**L-Inginier Johann Aloisio** xehed nhar it-02 ta' Mejju 2014, fejn qal li huwa kien gie mghajjat gewwa l-Kwartieri tal-Pulizija f'zewg

okkazzjonijiet, b'mod partikolari kien gie mitkellem mill-Ispettur Angelo Gafa'. Iddikjara li kien qal lill-Ispettur li kien ilu jaf lill-imputat li gharaf fl-awla mis-sena elfejn u disgha (2009), u dan peress li kienu jaghmlu xi xoghol flimkien, partikolarment xi xoghol domestiku. Spjega li fil-fatt Formosa kien jaghmel l-istallazzjonijiet tal-pannelli u hu kien jiccertifikahom.

Ix-xhud zied li insegwitu infethu xi calls sabiex isir xoghol simili fl-industrija, u li kien hemm tliet sejhiet. Jghid li fil-fatt Formosa kien talbu jaghmel xi stimi u li kien ghaddielu xi stimi. Ix-xhud qal li l-Ispettur Gafa' kien staqsieh jekk kienx ghadda stimi lill-imputat, u x-xhud filwaqt li kien ikkonferma li tassew ghamel hekk, kien qallu li fil-fehma tieghu ma kien hemm ebda irregolarita' f'dan. Ix-xhud stqarr li kien anke tkellem mal-imputat li kienu bghatu ghalih il-pulizija u li kien staqsewh dwar din il-kwistjoni.

Wara xi tliet gimghat kien rega' baghat ghalih l-Ispettur u staqsieh jekk kienx cert li effettivament kien baghat xi stimi. Allura hu kien staqsa kemm kien l-ammont ta' stimi li kienu qed jitkellmu fuqu. Ix-xhud iddikjara li hu kien ghadda stimi lil Formosa in konnessjoni mal-ewwel sejha u cioe' max-xoghol li kellu jsir ghand Pace and Mercieca u Fino. In segwitu l-Ispettur kien wera lix-xhud xi stimi ohra, madwar ghoxrin (20), u x-xhud ínforma lill-Ispettur li l-firma li kien hemm fuq dawn l-istimi l-ohrajn ma kienux tieghu.

Ix-xhud gie muri d-dokument immarkat bhala Dok AG456 li jinsab inserit fl-atti a fol 43 et seq., u qal li din hija stima ghal sistema ta' panelli ghand J. Micallef, u kkonferma li din l-istima ma gietx mahruga minnu. Ix-xhud ikkonferma li z-zewg stimi li hareg hu kienu

dawk ta' Fino u ta' Pace and Mercieca, li kienu gew iffirmati mill-kollega tieghu Manwel Xuereb u hu jikkonferma li qatt ma ffirma l-ebda stimi.

Ix-xhud wara li gie mistoqsi mill-Qorti jekk fuq dawn l-istimi hemmx il-firma li allegatament giet iffirmata minnu, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u zied li ghalhekk kien staqsa lill-Ispettur Gafa' ghaliex minn tant nies kien gie imsejjah hu meta ma kienx hemm ismu fuq l-istimi. Ix-xhud jghid li fuq ftit minn dawn l-istimi deher il-VAT number tieghu personali, u cioe' 17666520, izda f'uhud mill-istimi l-ohrajn ma kienx hemm il-VAT number tieghu, kien hemm VAT numbers ohrajn fuq l-istess trade name u cioe' 36, North Solar Solutions, li x-xhud ikkonferma li hija t-trade name ttieghu pero'ddikjara li m'hijiex registrata.

Ix-xhud iddikjara li huwa qatt ma ffirma xi dokumentazzjoni *en blanche*, fis-sens li jimtlew id-dettalji mill-klijenti wara li hu jkun iffirma.

Wara li x-xhud gie mistoqsi li jekk qattx kellu xi komunikazzjoni dwar *trade name* li juza, u cioe' 36, North Solar Solution, wiegeb li gieli kellu mal-imputat, fis-sens li tkellem mieghu li kien hemm intiza li forsi jibdew igibu xi panelli flimkien taht dak l-isem u dan fil-bidu nett meta l-ebda skema kienet ghadha ma fethet. Ix-xhud cahad l-allegazzjoni li din il-komunikazzjoni saret bl-intiza li jipprezentaw *tenders* flimkien ghall-iskemi, anzi zied li qatt ma kellu hsieb li jipprezenta *tender* ghal din l-iskema flimkien mal-imputat ghaliex kieku kienu jigu skwalifikati mill-ewwel. Ix-xhud tenna li qatt ma gabu panelli taht it-trade name 36, North Solar Solutions.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta Mejju 2016 (fol. 163) fejn innominat lil Dr. Juliana Scerri Ferrante sabiex tiehu kampjuni tal-firem tal-imputat u taghmel paragun bejn il-firem tal-imputat mehuda fl-Awla mal-firem li kien hemm fuq id-dokumenti esebiti.

**Neville Cassar** xehed nhar id-9 ta' Gunju 2014, fejn stqarr li l-Ispettur Gafa' kien baghat ghalih id-Depot biex jistaqih jekk kellux kumpanija miftuha f'ismu involuta fil-panelli u hu kien qallu li mhux il-kaz, ghaliex ix-xoghol tieghu huwa ta' **spray painting** maghrufa bhala Ta' Maggi. Ix-xhud kien gie muri stimi, li kienu mahruga f'isem il-kumpanija tieghu, izda jghid li dawn ma kellhomx il-firem u t-timbri tieghu.

Ix-xhud spjega li l-Ispettur Gafa' kien talbu jiffirma fuq diversi dokumenti biex jaghmel l-analizi tieghu u minnufih l-Ispettur kien induna li ma kienux il-firem tieghu. Ix-xhud stqarr li huwa jaf lill-imputat Godfrey Formosa, ghaliex kienu jahdmu flimkien f'kumpanija ohra, u cioe' ARMS Limited, u Godfrey Formosa kien jaghmel l-*accounts* ta' dik il-kumpanija.

Ix-xhud jghid li qatt ma kien hemm relazzjoni bejnu u l-imputat fuq panelli, u li hu ma kienx jaf jekk l-imputat kienx jipprezenta *bids* ghal *tendering* ta' panelli. Ghall-mistoqsija dwar kif l-imputat kellu d-dettalji tieghu, ix-xhud qal li huwa kien se jiehu *loan* biex jibni garaxx iehor u kien talab lil Godfrey Formosa biex johorgu l-*profit and loss* li l-bank kienu talbu u kien tah id-dettalji tieghu personali. Zied jispjega li nvolut f'din il-kumpanija dwar il-garaxx ta' Maggi kien hemm ukoll

missieru, li mbaghad irtira, u ghalhekk beda jiehu hsiebha hu. Xoghlu huwa *spray painting* ta' vetturi u qatt ma importa panelli.

Ix-xhud qal li l-garaxx tieghu jinsab gewwa Ta' Maggi Industrial Park gewwa x-Xghajra, Haz-Zabbar. Ix-xhud gie muri fol. tmienja u hamsin (58) u disgha u hamsin (59) tal-process u jghid li dawn huma l-firem li hu kien ta lill-Ispettur Gafa'. Gie muri d-dokumenti a fol tmenin (80), wiehed u tmenin (81) u tnejn u tmenin (82) tal-process. Fejn fol. wiehed u tmenin (81) hija kopja tal-VAT tieghu, fol. tmenin (80) hija dikjarazzjoni tal-imputat li kien hemm zball fin-numru tal-VAT, u fol. tnejn u tmenin (82) huma stimi li suppost fihom it-timbri li ghandu hu, izda x-xhud jghid li la t-timbri u lanqas il-firem m'huma tieghu. In-numru tal-VAT muri a fol. tmenin (80) huwa l-VAT number tal-garaxx tieghu mhux f'isem kumpanija. Bhalissa hadd ma huwa registrat b'dan il-VAT number pero' fl-elfejn u hdax (2011) kien irregistrat bih hu.

Ix-xhud jghid li huwa ra xi stima jew tnejn bhal dik ezebita a fol tnejn u tmenin (82) tul il-kors tal-investigazzjoni u ma jafx jekk etali dokument giex ezebit f'xi awtorita', pero' skont l-Ispettur Gafa' effettivament gie pprezentat fil-Malta Enterprise, izda x-xhud jghid li dwar dan ma jaf xejn. Ix-xhud iddikjara li ma jafx min hu Ryan Borg, u li hu ma jaf lil hadd li jahdem ma' Malta Enterprise. Huwa qal li darba kien mar il-Malta Enterprise mal-imputat ghaliex kienu se jaghmlu xi applikazzjoni ghall-garaxx tieghu u li kienu se japplikaw ghal xi fondi peress li kien qieghed jibni garaxx.

Ix-xhud jghid li Godfrey Formosa kien qisu l-*accountant* tieghu u ghalhekk kien hadu mieghu. Ix-xhud qal li ma jiftakarx ma' min kienu

tkellmu dakinhar u ma jidhirlux li kien ha xi dokumentazzjoni mieghu meta mar il-Malta Enterprise. Ix-xhud qal li t-talba tieghu ma gietx attivata jew processata, izda kien hallas kollox minn butu u l-Malta Enterprise ma tatu xejn. Sussegwentement kien biddel l-*accountant* tieghu.

Ix-xhud ikkonferma li hu ma hax id-dokument a fol. tnejn u tmenin (82) mieghu l-Malta Enterprise, anzi cahad kategorikament li hadu jew dokumenti ohrajn bhalu. L-Ispettur Gafa' kien qallu kien hemm xi ghoxrin (20) stima, pero' lilu kien urieh xi wiehed jew tnejn. Ix-xhud ezebixxa kopja ta' stima murija lilu mill-Ispettur Gafa' u dan gie mmarkat bhala dokument NC.

**Martin Farrugia**, xehed nhar id-9 ta' Gunju 2014, fejn stqarr li huwa gie mghajjat fid-Depot tal-Pulizija nhar it-tnejn (02) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) mill-Ispettur Angelo Gafa', u dan in konnessjoni ma' xi frodi dwar xi dokumentazzjoni fejn kien hemm allegatament il-firem tieghu. Sostna li hu kien ikkonferma lill-Ispettur li dawn ma kienux tieghu. Ix-xhud gharaf lill-imputat bhala Godfrey Formosa, u ddikjara li hu kien hadem mieghu bhala *salesman* ghal xi tliet (3) gimghat. Ix-xhud qal li l-imputat ibiegh *solar panels*.

Ix-xhud gie muri l-istima a fol. sebgha u sebghin (77) u jghid li fuq dak id-dokument ma hemmx il-firma tieghu, filwaqt li jghid li a fol. disgha u sebghin (79) hemm kampjun tal-firma tieghu. Ix-xhud jghid li hu qatt ma applika ghal xi skema ta' panelli la wahdu u lanqas f'isem haddiehor, jew f'isem kumpanija.

**Alfred Delicata** xehed nhar id-9 ta' Gunju 2014, u stqarr li fis-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) kien baghat ghalih l-Ispettur Angelo Gafa' u kellmu fuq xi *tenders* ta' *photovoltaic panels* u kien gie mistoqsi jekk kienx qatt tefa' xi *tender* jew applikazzjoni in konnessjoni ma' pannelli, u x-xhud kien irrisponda fin-negattiv. Ix-xhud jghid li huwa jbiegh twapet u *solar window film*. Qal li lill-imputat Godfrey Formosa jafu peress li huwa kellu hanut u Formosa kien jghaddi minn quddiemu. Ix-xhud jghid li Formosa kien tah zewg (2) bicciet xoghol ta' *solar window film*. Mistoqsi jekk qattx gie muri xi dokument mill-Ispettur Angelo Gafa' waqt l-investigazzjoni, wiegeb li ma jidhirlux. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien ghamel stqarrija.

Ix-xhud gie muri d-dokument li jinsab a fol. erbgha u erbghin (44) immarkat bhala Dok AG5, u ddikjara li dan ma jafx x'inhu. Ix-xhud qal li fuqu ma hemmx il-firma tieghu. Ikkonferma li t-*trade name* tieghu huwa Solar and Security, izda qal li din mhix kumpanija u jopera wahdu u zied li ghalkemm fuq din l-istima hemm it-*trade name* tieghu, din ma ghamilhiex hu. Ix-xhud jghid li huwa qatt ma tkellem mal-imputat fuq kwistjonijiet ta' panelli u nsista li hu jahdem biss fis-*solar window film*. Ix-xhud qal li safejn jaf hu qatt ma tkellem fuq kwistjonijiet ta' panelli jew investiment ta' panelli mal-imputat, lanqas tramite *emails*. Ix-xhud eskluda li kien hemm xi konverzazzjoni bejnu u l-imputat fejn kienu se japplikaw ghal xi fondi ghas-*solar panels* u lanqas qatt ma ta xi stima biex johorgu taht dan l-isem Solar and Security.

**Noel Cordina** xehed nhar il-15 ta' Lulju 2014, fejn stqarr li huwa ghandu kumpanija bl-isem Cordina Market Limited u jopera fis-settur

tal-kimici. Ftakar li xi zmien ilu kienu baghtu ghalih il-Pulizija u kien gie mitkellem minnhom. Kien spjegalhom li kien xtara xi pannelli taht skema tal-Malta Enterprise, u x'procedura kien uza biex jixtrihom. L-Ispettur kien urieh xi stimi, u x-xhud qal li ma kienx gabar stimi qabel ma xtara l-panelli. Hu kien xtara l-panelli minghand di Natura. Ix-xhud qal li ma kien jaf xejn dwar il-panelli, pero' kellu *supplier* li kien ibieghlu l-affarijiet tal-*plastics*, kellu laqgha mieghu u kien issuggerielu li jaghmel dawn il-pannelli. Dan qallu li hu kien ghamel il-verifiki tieghu u kien wasal ghall-konkluzjoni li dawn il-panelli kienu l-ahjar, u ghalhekk ix-xhud kien qaghad fuq is-suggeriment tas-*supplier* tieghu u xtara dawn il-panelli. Ix-xhud spjega li l-offerta kienet li kien se jiehu hsieb ta' kollox il-kuntrattur u minflok ma l-kont tad-dawl ihallsu lill-Enemalta, ihallas lill-Kuntrattur sakemm jinqata' l-ammont li kienu jiswew il-pannelli. Ix-xhud stqarr li kien interessat u ghalhekk ta struzzjonijiet lil dan ir-rapprezentant biex japplika. Dan kien Godfrey Formosa ta' di Natura, l-imputat odjern. Stqarr li kien qallu biex jiehu hsieb kollox hu, inkluz l-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni relattiva. Ix-xhud kompla jixhed li wara dan pero' kien bidel il-hsieb u ddecieda li jidhol fi ftehim iehor mal-kuntrattur u cioe' li jixtri l-progett hu u pprova jgib prezz ahjar.

Ix-xhud jghid li hu kellu zewg problemi fuq din il-pendenza u cioe' wahda dwar id-*depreciation* u t-tieni dwar il-kwalita' tal-panelli li kien se jkollu istallati, u ghalhekk kien staqsa lill-kuntrattur x'tip ta' garanzija kien se jinghata. Ix-xhud qal li kien tah xi karti, izda ma hassx li kienu se jkopru bizzejjed u ghalhekk insista li ried panelli li jkunu *branded* u fil-fatt kien biddel il-pannelli u gew istallati dawk tal-marka LG u marka fuq kull pannella. Finalment kien ghamilhom l-

imputat stess. Il-pannelli xtrahom u hallashom ix-xhud u kienu gew istallati u beda jiehu s-servizz.

In kontro ezami ix-xhud jghid li kienu marru rapprezentati tal-Malta Enterprise u ghamlu l-ispezzjoni taghhom u raw li kollox kien sew. Ix-xhud jghid li hu qatt ma ghadda xi dokumentazzjoni lil Malta Enterprise direttament u fil-fatt kien ta mandat miftuh lill-imputat biex jiehu hsieb kollu hu. Ix-xhud qal li kien ircieva l-hlas tal-*grant* li kien applika ghalih u li l-panelli qieghdin jaqduh. Sostna li anke kellu xi problema ta' per ezempju *invertor* u l-kumpanija kienet bidlitulu wkoll.

**Carmelo Bianco** xehed nhar il-15 ta ' Lulju 2014 fejn iddikjara li huwa jahdem fir-restaurant tieghu f'Marsaskala. Ftakar li l-Pulizija kienu baghtu ghalih u kellmuh fuq il-pannelli li kien ghamel tramite s-servizz ta' Godfrey Formosa li huwa l-imputat fil-kawza. Ftakar li kienu marru tliet (3) *suppliers* tal-pannelli u kien ikkonkluda n-negozju ma' Godfrey Formosa, u gew installati l-pannelli. Kien applika ghall-*grant* mal-Malta Enterprise u rcieva l-flus minghandhom.

Ix-xhud jghid li huwa kien ghazel ta' Formosa peress li huh kien qallu li l-prodott ta' Formosa kien aktar avvanzat bhala teknologija. L-agenti l-ohrajn kienu Bajada ta' Rahal Gdid u xi hadd David Zammit. Ftakar li l-kumpanija ta' Formosa kien jisimha Di Natura.

**Emanuel Bezzina** xehed nhar is-7 t'Ottubru 2014 fejn stqarr li kien baghat ghalih l-Ispettur Angelo Gafa' in konnessjoni ma' investigazzjoni li kienet qieghda tigi mizmuma minnu. Kien staqsih xi

domandi li jikkoncernaw pannelli. Ix-xhud iddikjara li huwa jahdem fl-esportazzjoni tal-patata ta' Malta, u kien jaghmel l-istess xoghol sentejn u nofs qabel ukoll. Kien applika u ha l-iskema biex jiehu l-pannelli, liema applikazzjoni kienet saret mis-socjeta' Solar Solutions.

Kien tkellem ma' persuna bl-isem Carl ghand Solar Solutions li tinsab tal-Balal. Ix-xhud qal li ma jafx lill-imputat Godfrey Formosa u sa fejn jaf hu qatt ma tkellem mieghu. Ix-xhud qal li ma jidhirlux li kien l-imputat l-Inginier li baghtulu Solar Solutions. Ix-xhud qal li lill-Inginier kien tah l-informazzjoni kollha li talbu. Wara dan kien wahhal il-pannelli u beda jaghmel l-uzu minnhom. Ix-xhud jikkonferma li ha s-sussidju u li kien ha l-file ghand l-Ispettur Gafa' biex ikun jista' jarah. Ix-xhud qal li jekk mhux zbaljat, kien hallas lil Solar Solutions bic-cekk.

**Dr. Mario Fsadni** kien xehed fis-7 t'Ottubru 2014, u stqarr li hu mar ikellem lill-Pulizija wara li kien baghat ghalih l-Ispettur Gafa' u kien staqsih jekk kienx applika ghal xi sussidju ghall-panelli. Ix-xhud jghid li huwa kien ghamel applikazzjoni ghan-nom tad-dar tal-Kleru u kien ghamel kuntatt ma' diversi nies pero' fl-ahhar kien ghazel is-sistema tas-Solar Solutions.

Ix-xhud iddikjara li ma jafux lill-imputat, u li kien nesa lil min kien kellem min-naha ta' Solar Solutions, pero' kien zgur li ma kienx l-imputat. Ix-xhud jghid li l-professjoni tieghu hija ta' Physicist. Ikkonkluda x-xhieda tieghu billi qal li effettivament id-Dar tal-Kleru ma rcevietx ir-*rebate* peress li kienet ghadha ma ssottomettietx id-dokumentazzjoni kollha relattiva.

**Dr. Juliana Scerri Ferrante** xehdet nhar is-6 t'Ottubru 2015. Iddikjarat li kienet nominate mill-Qorti biex tespleta l-inkarigu ta' *finger print u calligraphy expert*, u pprezentat ir-relazzjoni taghha li giet immarkata bhala Dok JSF. Ix-xhud ikkonkludiet li kien hemm xi firem li kienu jappartjenu lil Neville Cassar u ohrajn le. Ix-xhud indikat li kienet sabet li kien hemm xi firem li kienu ta' Johann Aloisio u ohrajn li ma kienux.

**Dr. Katrina Borg Cardona** xehdet in kontro-ezami nhar it-22 ta' Marzu 2016, fejn wara li giet murija d-dokument ezebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dok AG3 u fol. tnejn u erbghin (42), stqarret li din l-ittra kienet intbghatet lill-Kummissarju tal-Pulizija fis-sitta u ghoxrin (26) t'April tas-sena elfejn u tnax (2012) u li kienet giet iffirmata minnha fil-kapacita' taghha ta' Chief Officer Legal Regulatory Compliance Unit, Spjegat li dak iz-zmien ic-Chairman Alan Camilleri kien baghat ghaliha u qalilha li fil-kors tal-iprocessar tal-applikazzjonijiet tal-iskemi tal-PV's, l-Evaluation Team jew min kien effettivament qieghed jipprocessa l-applikazzjonijiet kien innota xi irregolaritajiet bhal per ezempju xi kumpaniji fittizji li in effetti ma kienux jezistu, jew li l-VAT Number ma kienx qieghed jaqbel mal-isem. Ghalhekk Camilleri kien talabha parir u ghalhekk waslet biex ipprezentat il-kwerela.

Ix-xhud giet mistoqsija jekk kienx l-Evaluation Team li ghamel din l-investigazzjoni, izda wiegbet li hi ma kienetx f'pozizzjoni li tikkonferma dan u lanqas taf tghid min kienu l-membri tat-team ghaliex l-Evaluation Committee kien separat u distint. Pero' nfurmat lill-Qorti li jkun ahjar li jsiru mistoqsijiet lic-Chief Paul Baldacchino

f'dan ir-rigward. Ix-xhud qalet li wara li pprezentat il-kwerela ma inghatat ebda dettalji ulterjuri ghax l-investigazzjoni tkompliet mill-pulizija. Ix-xhud kienet tkellmet mal-Ispettur Angelo Gafa' fl-ufficcju tieghu, infurmatu b'dak li kienet taf u ma' min seta' jitkellem, inkluz ic-Chief Operating Officer ta' dak iz-zmien Dr. Sue Vella u mal-istess Paul Baldacchino.

Ix-xhud qalet li ma kienet taf xejn dwar l-ittra a fol. tnejn u tmenin (82) li kien baghat Neville Cassar dwar tibdil fil-VAT Number. Ix-xhud qalet li kienet taf li Tancred Tabone, li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur, kien involut f'libell fil-Malta Enterprise, pero' ziedet li ma kinitx taf li dak iz-zmien Tancred Tabone jew ahjar il-kumpanija tieghu kienet xtrat hamsin fil-mija (50%) ta' kumpanija li kienet *in direct competition* ma' dik tal-imputat.

Ix-xhud qalet li ghamlet il-kwerela fil-kapacita' taghha ta' Avukat fuq informazzjoni mghotija lilha minn Alan Camilleri u mhux ghax investigat il-kaz hi. Ix-xhud giet murija zewg dokumenti, u cioe' dokument mahrug minn Bajada New Energy datat dsatax (19) t'April tas-sena elfejn u tnax immarkat bhala CSH u dokument mahrug mis-socjeta' di Natura datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) immarkat CSH1.

Ix-xhud indikat li hija ma kienitx responsabbli ghat-*tendering documents* u ghalhekk ma tafx jekk kienux kunfidenzjali jew le. Tghid li ma kienet taf xejn dwar dawn id-dokument u t-*tendering* li sar. Ix-xhud kienet taf li kien hemm xi *financial correction* imposta fuq diversi kumpaniji mhux fuq di Natura biss. Ix-xhud ma kienetx taf jekk hux minnu li Di Natura kellha hamsin (50), ghoxrin (20) u hamsa

u ghoxrin fil-mija (25%) bhala multa, waqt li l-ohrajn kellhom hamsa fil-mija (5%) biss. Ix-xhud indikat lil Paul Baldacchino bhala l-persuna responsabbli, cioe' dak inkarigat mid-Dipartiment li jmexxi dawn l-incentivi.

**Paul Baldacchino** xehed nhar l-24 ta' Mejju 2016, fejn stqarr li huwa jokkupa l-kariga ta' Chief Officer mal-Malta Enterprise. Qal li huwa kien gie notifikat biex jixhed lejliet, u ghalhekk ma kellux ezenzjoni biex jixhed, izda kien jaf li l-kollega tieghu Charles Herrera kellu din l-ezenzjoni.

**Paul Baldacchino** rega' xehed nhar is-16 ta' Gunju 2016 u stqarr li l-investigazzjoni kienet bdiet a bazi ta' kwerela li kienet bghatet il-Malta Enterprise lill-Kummissarju tal-Pulizija. Ix-xhud qal li din sehhet wara li kien hemm *calls* pubblici ghal skema fuq finanzjament ta' pannelli li kienet *co-funded* mill-Unjoni Ewropea u kienu saru tliet (3) sejhiet differenti. Wara t-tielet (3) sejha kienet saret *audit* mill-Managing Authority, f'Kastilja, li kienet tikkontrolla l-*funding* fid-dipartimenti kollha. Dawn ghamlu *audit* tal-applikazzjonijiet li kienu gew ipprezentati u kienu kkonkludew li kien hemm xi stimi fl-iskemi li ma kienux accettabbli ghalihom. L-awdituri tkellmu mas-superjuri tieghu fosthom mac-Chairman Alan Camilleri, u hemmhekk ittiehdet decizjoni li jittiehdu passi fil-konfront tal-imputat.

Ix-xhud spjega li kienu kkonkludew illi stimi ma kienux korretti u kienu qalu li jew il-kumpaniji ma jezistux, li dawk il-kumpaniji ma jbieghux panelli jew kien hemm xi dettalji per ezempju tal-VAT number li ma kienx tal-kumpaniji in kwistjoni. Ix-xhud ma kienx prezenti waqt li l-awdituri kienu qieghdin jitkellmu ma' Alan

Camilleri, lanqas ma kien involut fl-investigazzjonijiet, kien involut biss fis-sens li n-nies fil-units tal-Malta Enterprise kienu jghaddu l-informazzjoni meta mitluba. Ix-xhud kien sar jaf wara x'ghadda bejn l-awditur u Alan Camilleri. Huwa indika li ma saritx inkjesta interna, izda l-Board kien qabbad lil PriceWaterhouse Coopers biex jaghmel *audit* tal-applikazzjonijiet biex ituhom l-opinjoni taghhom u qal li effettivament dawn hargu lista ta' stimi u qalulhom li kien hemm uhud jindikaw kumpaniji li ma kienux jezistu jew li ma kienux ibieghu panelli.

Ix-xhud qal li kien hemm zewg (2) rapporti wiehed tal-awdituri u l-iehor tal-Price Waterhouse Coopers. Wara li gie mistoqsi jekk kienx hemm xi lmenti dwar firem foloz, ix-xhud irrisponda li hu qatt ma rcieva tali lmenti, li jaf hu li kienet decizjoni ta' Alan Camilleri li jittiehdu dawn il-passi u ma jidhirlux li giet diskussa fil-Board. Il-Board gie avzat b'din id-decizjoni wara. Dak iz-zmien fil-Board kien hemm Tancred Tabone u sa fejn jaf hu dan kien *deputy chairman*. Ix-xhud kien konxju li effettivament Tancred Tabone kien investa f'Bajada New Energy li wkoll kienet tipprovdi l-panelli. Jghid li Bajada New Energy ukoll kien ikollha stimi ta' diversi kumpaniji bhal dawk li kienet ghamlet di Natura.

Fir-rapport tal-awdituri kien hemm indikat li kien hemm VAT number hazin fl-istimi ghall-Maltese Islands ta' certu Neville Cassar, pero' ma kellux informazzjoni dwar il-firem. Ix-xhud insista li ma kienx involut fl-awditjar. Huwa gie muri fol. tmenin (80) tal-process, u kkonferma li d-dokument kien wasal fir-registru tal-Malta Enterprise, u ghalhekk certament li fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011), Neville Cassar kien baghat din il-komunikazzjoin lil Malta Enterprise

u l-process kien li kull ma kien jidhol rigward l-istimi kien jinghata l-Board tal-Ghazla u ghalhekk ix-xhud ipprezuma li dan id-dokument gie mghoddi lill-Board tal-Ghazla. Ix-xhud spjega li kull ma jkun fil-file tal-Malta Enterprise ikun fl-arkivji taghhom, u pprometta li jezebixxi d-dokumenti relattivi.

Ix-xhud qal li l-Malta Enterprise uzat sistema li timmulta lil dawn il-kumpaniji u dawn il-multi gew decizi mill-Managing Authority. Il-Malta Enterprise harget l-ittri biex isiru dawn il-multi pero' d-decizjoni ttiehdet mill-Managing Authority f'Kastilja maghruf bhala il-PPCD li kien id-dipartimenti li jiehu hsieb il-fondi Ewrope. Responsabbli ghal dan kienet certa Marlene Bonnici. Ix-xhud qal li l-klijenti li kellhom bhala *preferred contracting company* Di Natura u fejn instabu li l-istimi ma gewx accettati mill-audit, gew immultati hamsa u ghoxrin fil-mija (25%), waqt li klijenti li kellhom contracting partners differenti gew immultati biss hamsa fil-mija (5%). Ghall-mistoqsija dwar min ta dawn l-istruzzjonijiet dwar il-multi, ix-xhud qal li kien il-Head Jonathan Vassallo.

Ix-xhud qal li darba l-imputat kien cempillu b'ilment fejn qallu li sar jaf li giet mitfugha stima f'isem klijenti tieghu min-naha ta' Bajada New Energy, li kienu ta' ammont identiku bhal dak ta' Di Natura. Ix-xhud spjega li effettivament din l-istima lanqas kellha l-isem tal-klijent minkejja li kellha valur identiku bhal dawk ta' Di Natura. Ix-xhud sostna li wara li ra dan il-kaz, kien irreferieh ghall-Board tal-Ghazla, u qal li l-istima ta' Bajada New Energy kienet giet accettata minkejja li kellha dawn in-nuqqasijiet waqt li dik ta' Di Natura giet skartata.

Ix-xhud qal li mhux suppost kien hemm xi relazzjoni bejn Tancred Tabone vice Chairman tal-Malta Enterprise u l-Board tal-Ghazla, u sa fejn jaf hu ma kienx hemm. Il-Board tal-Ghazla kien jigi maghzul mill-Board tad-Diretturi tal-Malta Enterprise u dan qabel ma tiftah is-sejha. Il-Board tal-Ghazla kien jigi maghzul mill-Board tal-Management, li fih kien hemm ix-xhud u l-project leader. Huma kienu jaghmlu r-rakkomandazzjonijiet taghhom, jghadduhom lis-CEO u dan kien jinforma lill-Board. Sue Vella kienet tghaddi lill-Board ghall-informazzjoni. Il-Board tal-Ghazla kien jaghmel l-ghazlu hu, u jaghzel dawk li jghaddu u dawk li ma jghaddux, u jaghti d-decizjoni tieghu lill-Board tad-Diretturi. Zewg membri tal-Board tal-Ghazla kienu jkunu impjegati tal-Malta Enterprise.

Ix-xhud qal li l-kwerela li harget fil-konfront ta' Godfrey Formosa, harget ftit wara li x-xhud ghadda l-ilment li kien ghaddielu Formosa. Ix-xhud qal li ma jiftakarx min kien dahhal is-sejhiet ta' Maltese Islands and Renewables. Jghid li l-awdituri kienu inghataw il-files kollha rigwardanti s-sejhiet tal-energija, pero' tenna li hu ma kienx prezenti waqt l-*audit* u ghalhekk ma jafx jekk ezaminawx il-*bidders* kollha.

Ix-xhieda ta' Paul Baldacchino giet sospiza, u tkompliet fis-seduta tas-6 t'Ottubru 2016. Huwa kien gie muri d-dokument ezebit f'dawn l-atti a fol. tmenin (80) u jghid li din hija ittra datata sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011), allegatament iffirmata minn Neville Cassar u dahlet fil-Malta Enterprise nhar it-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011). Jghid li fil-fatt hemm it-timbru tar-*registry* u ghalhekk hemm evidenza li din l-istess ittra giet mibghuta lilhom tramite r-registru taghhom. Ix-xhud kien mitlub jara u jivverifika jekk

din l-ittra tpoggietx fil-file tal-klijent, u ikkonferma li dan kien sar. Qal li fil-fatt din tpoggiet fil-file ta' sittax (16)-il klijent, fosthom: Agius Marble, Alpine Rent-A-Car, Attard Brothers, Attard Concrete System, Ta' Grabiel, Cement Stones, Comtec, Dolphin Industrials, DIS, Portughes Dry Cleaning, Galea General Services, Impressions, J. Micallef and Cordina, Repro House u Agius Services, u kkonferma li maghha kien hemm il-VAT certificate tal-istess Neville Cassar.

Ix-xhud stqar li ma jafx min fil-fatt ikun ha dawn iz-zewg dokumenti l-Malta Enterprise, ghaliex ma jkunx hemm indikat. Huwa kkonferma li skont it-timbru li kien hemm fuq dan id-dokument, l-originali tieghu kien inghata lil Ryan Borg u kien gie *scanned* minn impjegat tal-Malta Enterprise stess. Huwa kkonferma li kien tkellem ma' Ryan Borg, u dan kien gibidlu l-attenzjoni li kien hemm dan l-izball fil-VAT number u kienu hadu d-decizjoni li effettivament kellhom javvicinaw lil dan Neville Cassar biex jaghmel ittra biex jikkoregi l-VAT number tieghu u sussegwentement gew mghoddija d-dokumenti li gew ipprezentati a fol. tmenin (80) u wiehed u tmenin (81). Ix-xhud jghid li jaf li Ryan Borg kien zamm din il-laqgha wara li kien tkellem mieghu tant li giet ezebita din l-ittra u wara ddahlet fil-files.

**Carl Herrera** xehed nhar l-24 ta' Mejju 2016, fejn stqarr li huwa jokkupa l-kariga ta' Chief Officer Incentive Management tal-Malta Enterprise. Ix-xhud jghid li huwa ilu jahdem mal-Malta Enterprise mill-bidu u cioe' mis-sena 2004. Ix-xhud qal li jaf li kienet saret investigazzjoni dwar skema tal-panelli fotovoltajici, pero' hu ma kienx involut fiha. Stqarr li jaf lil Ryan Borg ghaliex dan kien jahdem mal-Malta Enterprise madwar is-snin elfejn u hdax, tnax u tlettax, u safejn jaf hu kien responsabbli li jamministra xi skemi, u din kienet wahda

minnhom. Fejn Borg mar jahdem wara, x-xhud ma jafx u lanqas ma jaf dan x'tip ta' kuntratt kellu. Iddikjara li Tancred Tabone kien membru tal-Board, izda ma jafx li effettivament kien akkwista xi hamsin fil-mija (50%) ta' kumpanija li kienet kompetitrici ghal dik tal-imputat Godfrey Formosa. Ix-xhud jghid li ma jafx min kienu l-persuni nvoluti f'din l-investigazzjoni. I c-Chief Operating Manager kienet Sue Vella waqt li c-Chairman kien Alan Camilleri. Ix-xhud ma jafx li effettivament giet imposta xi multa fuq il-kumpanija Di Natura ta' Godfrey Formosa.

**Ryan Borg** xehed fis-6 t'Ottubru 2016, u qal li huwa kien ghamel zmien jahdem mal-Malta Enterprise, u dan bejn il-perjodu tas-sena elfejn u disgha (2009) u elfejn u tnax (2012). Ix-xhud iddikjara li bhalissa ghaddej minn proceduri kriminali in konnessjoni ma' xi xoghol li ghamel waqt li kien ghadu impjegat mal-Malta Enterprise. Huwa qal li kien hemm xi zmien meta huwa kien responsabbli ghall-fondi tal-Ewropa dwar il-panelli fotovoltaici. L-iskema kienet tissejjah ERGH, ERDF Energy Grant Scheme u fost id-diversi *suppliers* kien hemm dik tal-imputat maghrufa bhala Di Natura li applika biex jiehu l-fondi.

Spjega li bhala procedura i l-applikant kellu jitfa' tliet (3) stimi u jaf li s-socjeta' Di Natura kienet tkun wahda minn dawn it-tliet (3) stimi. Ix-xhud jghid li jaf lil Neville Cassar li kien jahdem taht *trade name* maghruf bhala Maltese Island Renwables u jaf li kien hemm xi stimi tieghu. Ix-xhud jghid li hemm storja dwar id-dokument a fol. tmenin (80) immarkat bhala dokument sebgha u ghoxrin (27) u cioe' l-ittra li baghat Neville Cassar lil Malta Enterprise biex jindika li kien ha zball

fil-VAT number tieghu u xtaq ibiddlu. Ix-xhud qal li Cassar kien mar bl-ittra personalment il-Malta Enterprise, u li kellu diversi klijenti li kienu applikaw ghal dawn il-fondi u ghalhekk huwa pogga kopja ta' din l-ittra fil-file ta' kull applikant tieghu.

Ix-xhud qal li kien jghaddi certu pagamenti ta' klijenti u kien sab li kien hemm zball fin-numru tal-VAT, kien tkellem ma' ta' fuqu, cioe' Paul Baldacchino u kien gharrfu b'din id-diskrepanza. Wara kien cempel lil Cassar u talbu biex jghaddilu c-certifikat tal-VAT. Can hadulu w kopja tieghu tinsab a fol. wiehed u tmenin (81) tal-process, konsegwentement ix-xhud kien dahhal kopja tal-ittra u tac-certifikat tal-VAT ma' kull stima li kien ipprezenta Neville Cassar, u dan skont struzzjonijiet moghtija lilu minn ta' fuqu.

Ix-xhud jinnega li ma kienx Neville Cassar stess li pprezenta d-dokumenti a fol tmenin (80) u wiehed u tmenin (81). Ix-xhud jghid li kien prezenti ghal-laqghat li kellhom ma' Cassar u fil-fatt l-istruzzjonijiet li gew moghtija lilu kienu f'dan is-sens, li kellu jghaddi kopja tac-certifikat tal-VAT u l-ittra. Imbaghad ix-xhud qal li ma jistax jikkonferma jekk effettivament kienx Cassar fizikament li dahhal din fil-Malta Enterprise pero' insista li Cassar kien jaf dwar l-andament ta' dak li kien ghaddej . Ix-xhud ma setax jikkonferma bil-gurament li kien Neville Cassar li ha d-dokumenti originali, pero' jiftakar dawn iz-zewg dokumenti peress illi l-klijenti ta' Di Natura li kienu applikaw kellhom l-istess numru tal-VAT u ghalhekk ma setax jghaddi pagamenti bl-istess numru tal-VAT u ghalhekk ghalkemm Di Natura ma kienx il-kuntrattur maghzul, ix-xhud kellu r-responsabilita' biex jara d-dokumentazzjoni.

Ix-xhud qal li Neville Cassar kien hadlu dawn iz-zewg (2) dokumenti a fol. tmenin (80) u wiehed u tmenin (81) u spjegahhomlu. Ix-xhud ma setax jghid jekk wara l-laqgha li kellu ma' Cassar, kienx Cassar stess li rregistrhom mal-Malta Enterprise jew kienx haddiehor; izda ftakar li ra l-kontenut tal-ittra f'idejn Cassar. Ix-xhud jghid li kull persuna li tidhol fil-Malta Enterprise trid tiffirma ktieb, u assuma li din il-persuna ffirmat l-istess ktieb u effettivament jista' jigi ezebit dan il-ktieb. Dawn l-istimi li hadlu Neville Cassar kienu t-tieni jew it-tielet stima li kienu marru fl-istess zmien ma' dawk ta' Di Natura. Ix-xhud jghid li hu kellu jiccekja l-istimi l-ohra ghaliex huwa d-dmir tieghu meta jkun qieghed jghaddi fondi tal-gvern tal-EU Fund.

**Johann Aloisio** xehed nhar is-6 t'Ottubru 2016 u stqarr li kien juza t-trade name The Six Knot Solar Solutions, pero' qatt ma hadem bih, Huwa kkonferma li jaf lil Godfrey Formosa, l-imputat li gharaf fl-awla, kien anke ghamel xoghol mieghu u meta harget l-iskema tal-pannelli fotovoltajici kien hareg xi stimi u effettivament dawna kienu gew iffirmati minn Manuel Xuereb. Ix-xhud kien jaf lil Manuel Xuereb qabel ma kien jaf lil Godfrey Formosa. Ix-xhud qal li huwa kien l-Inginier ta' Godfrey Formosa u kien jikkonfermalu x-xoghol u ghalhekk kien hemm relazzjoni ta' xoghol bejniethom. Ix-xhud spjega li meta harget l-iskema tal-pannelli fotovoltajici kien tkellem mal-imputat biex jaraw setghux jippreparaw xi stimi biex jikkompetu. Jaf li kien hemm sistema li jigu pprezentati tliet (3) stimi u dan ghaliex kien jaf li kien hemm kumpaniji ewlenin li riedu jippartecipaw ukoll permezz ta' *holding* u *subsidiaries* u jkun kollox taghhom u ghalhekk biex ikunu kompetittivi hassew li kellhom jinghaqdu flimkien.

Ix-xhud ma jiftakarx li effettivament kien halla xi dokumenti vojta bil-firma tieghu f'idejn l-imputat. Wara li gie muri d-dokument SF, ix-xhud qal li fuq dawn id-dokumenti hemm il-firma tieghu u dan ghamilhom ghaliex kienu jafu l-prezzijiet ta' xulxin u b'hekk id-dokumenti kienu bil-lest biex mhux kull darba joqoghdu jghajtu lil xulxin biex jiffirmaw id-dokumenti. Ix-xhud kompla li kien hemm xi stimi li kienu gew murija lilu mill-Ispettur Gafa' li pero' ma kienx hemm il-firma tieghu fuqhom. Id-dokumenti SF huma l-applikazzjonijiet ghall-PVs u fuqhom hemm il-firma tieghu. Ix-xhud jghid li hu ma setax jidher fil-kwistjoni u ghalhekk Manuel Xuereb kien qieghed jiffirma ghan-nom tieghu. Qal li fiz-zewg dokumenti murija lilu mill-Ispettur Gafa' ma kienx hemm il-firma tax-xhud, izda jaqbel li saru bil-konoxxenza tieghu, fil-fatt kien hareg rapport fejn kien indika li minn dawn it-tliet (3) stimi li kien hemm, tal-imputat kienet l-aktar wahda vantaggjuza. Ix-xhud jghid li l-imputat kellu *logo* li kienu ghazlu flimkien.

**Marianne sive Sue Vella** xehdet fl-20 t'Ottubru 2016, u stqarret li bdiet tahdem mal-Malta Enterprise f'Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fil-kapacita' ta' Chief Managing Operating Officer u baqghet tokkupa din il-kariga sa April tal-elfejn u tnax (2012). In segwitu' saret Chief Executive Officer u telqet minn mal-Malta Enterprise f'Gunju jew Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013), u waqt li kienet Chief Operating Officer kienet responsabbli ghad-dipartimenti kollha tal-Malta Enterprise kif ukoll tal-Malta Industrial Park Limited.

Ix-xhud tirreferi ghall-verifiki dwar talbiet ghall-pagament li kienu saru tramite s-socjeta' Di Natura. Hi spjegat li c-cittadin japplika permezz ta' tliet (3) stimi u fejn dahlet is-socjeta' Di Natura kien

hemm xi problemi fl-applikazzjonijiet. Qalet li kien wiehed mill-impjegati responsabbli mill-iskema li fil-fatt irealizza dan u kien gibdilha l-attenzjoni dwar dan f'April tas-sena elfejn u tnax (2012). Kien qalilha li sar jaf li kien hemm xi stimi li setghu ma kienux veri fis-sens li kienu fabbrikati u ghalhekk ix-xhud kienet infurmat lill-Executive Chairman Alan Camilleri, u talbet il-listi tal-applikanti kollha biex tara jekk kienx hemm kazijiet ohrajn.

Kienu daru kaz kaz u raw li kien hemm stimi li kienu dubbjuzi fis-sens li l-*propsed suppliers* ma kellhomx esperjenza fil-qasam pero' kienet taf li jezistu. Ix-xhud kompliet tispjega li kien hemm applikazzjonijiet ohrajn fejn il-*proposed supplier* ma kienx jezisti fis-sens li n-numru tal-VAT kien falz, ma kienx hemm tracca tramite l-*google searches* li dan is-supplier kien fil-fatt jezisti u ghalhekk kienet giet moghtija struzzjonijiet biex tghaddi l-kaz lill-pulizija u hekk ghamlet, u qalet li l-istimi fil-kaz ta' Godfrey Formosa kienu jidhru li kienu fabrikati.

Ix-xhud qalet li ma kientx taf li ntalbet korrezzjoni fin-numru tal-VAT ta' Neville Cassar ghaliex il-kuntrattur kien ghamel zball. Ma kienitx taf li gew suppliti applikazzjonijiet godda b'numru tal-VAT gdid. Sostniet li fil-konfront tas-suppliers li ma kienux involuti fil-panelli qabel, dawn ma gewx avvicinati u ghalhekk jekk ikun hemm persuna li se tidhol f'din l-iskema ghall-ewwel darba u ma jkollhiex esperjenza, din tigi trattata f'din l-istess kategorija. Pero' x-xhud taf li wara diskussjonijiet iddecidew li dan kien *free market* u ghalhekk zammewhom. Ix-xhud spjegat li l-kaz spicca f'idejn il-pulizija principaloment minhabba l-kwistjoni tan-numru tal-VAT zbaljata. Il-kwistjoni tal-allegat *fictitious supplier*, ma baqghetx daqstant l-*issue*,

l-iktar li kienu mexxew il-kaz kien minhabba l-*fabricated evidence documents*.

Ix-xhud tghid li kellhom ragunijiet ghalfejn kienu jemmnu li d-dokumenti ma kienux awtentici, pero' d-dettalji ma tiftakarhomx. Id-decizjoni biex il-Pulizija tigi involuta haditha x-xhud flimkien mac-Chairman Alan Camilleri, pero' ma tiftakarx id-dettalji.

Tghid li dan sehh f'April tas-sena elfejn u tnax (2012). Fil-fatt kellhom suspett b'sahtu dwar dan. Apparti d-decizjoni li jmorru ghand il-Pulizija, marru ghand PriceWaterhouseCoopers biex jaghmlu *audit* tal-process u tindika li wara dibattitu shih iddecidew ukoll li jimponu multa. Raw li kien hemm hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) ta' kazijiet fittizji u ghalhekk ikkundannawhom ihallsu multa u fuq kazijiet dubbjuzi kellhom ihallsu hamsa fil-mija (5%). Fil-konfront ta' Di Natura kienu ikkundannaw lill-applikanti li uzaw lil Di Natura hamsa u ghoxrin (25%) bhala multa. Pero' x-xhud ma kienitx certa mija fil-mija (100%).

Ix-xhud giet murija zewg (2) dokumenti li jinsabu inseriti fil-atti mmarkati bhala dokument M u N u tghid li dawn id-dokumenti tikkonfermhom fis-sens li hargu t-tnejn (2) mill-Malta Enterprise, u huma ffirmati minnha. Ma setghetx tghid ghaliex qieghda tghid li dawn ma kienux *buona fide applicants*, peress li d-dettalji taghhom kienet insiethom. Pero' taqbel li l-hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) giet applikata biss fil-konfront tal-istimi b'element fittiju ta' Di Natura. L-applikanti li wzaw Di Natura bhala third ($3^{rd}$) quote lkoll gew ikkundannati jhallsu hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) bhala multa.

Ix-xhud giet mistoqsija seax kien hemm *leak* ta' stimi li kienuipprezentati mis-socjeta Di Natura, u cioe' favur Bajada u rrispondiet li ma tiftakarx li kien hemm xi *leakages*. Ix-xhud qalet li kieku kienet taf b'dan zgur kienet tordna investigazzjoni, kif kienet ghamlet f'kazijiet ohrajn. Hija qalet li ma kienx hemm raguni li titlob kjarifika qabel ma imponiet il-multa amministrattiva, u dan ghaliex fil-fehma taghha kien hemm bizzejjed evidenza. Ix-xhud ikkonfermat li effettivament Tancred Tabone kien xtara hamsin fil-mija (50%) tal-Bajada New Energy li kienu kompetituri ta' Di Natura u li Tancred Tabone kien fil-Board tad-Diretturi ta' dak iz-zmien.

Qalet pero' li kienet saret taf b'dan wara u lanqas ma ndunat jekk effettivament verament kien hemm xi artikli fil-gazzetti. Dak iz-zmien zgur ma kenitx taf. Ix-xhud giet murija *printout* tal-Malta Enterprise li giet immarata bhala dokument R kif ukoll *print out* mahrug mit-*Times of Malta li* gie mmarkat dokument S, u dwar dan ix-xhud qalet li effettivament kienet rat dan l-artiklu meta kienet se titlaq u ghalhekk ma hassitx il-htiega li terga' tirrevedi d-decizjonijiet li kienet hadet.

**Alfred Delicata** xehed fl-20 t'Ottubru 2016, u wara li gie mistoqsi jekk jafx lill-imputat, stqarr li huwa jafu, u li kien hemm xi zmien li ghamlu xi negozju flimkien. Jghid li kienu ghamlu xi xoghol flimkien ghand Bond's. Qal li kien hemm zmien ukoll meta huwa kien jahdem fis-*solar panels*, pero' qatt ma talab lill-imputat biex johroglu xi *invoices* fuq is-socjeta' di Natura. Ix-xhud qal li hu qatt ma importa s-*solar panels*. Ix-xhud imbaghad qal li jista' jkun li effettivament kien talab lil di Natura tohroglu xi *quotations* fuq *solar window films*. Ix-xhud gie muri Dok Z1 u jghid li din hija tabella dwar in-negozju

tieghu. Ix-xhud gie muri Dok Z u qal li jista' jkun li dawn kien talabhom lis-socjeta' di Natura.

Ix-xhud gie mistoqsi jekk jistax ikun li kien talab xi stima lill-imputat dwar xi **solar films**, u li l-imputat kien talbu johrog xi stimi rigward xi panelli, izda ix-xhud wiegeb li ma jidhirlux li huwa gie mitlub johrog dawn l-istimi. Ix-xhud qal li ma jifktarax li qatt mar il-Corinthia biex jiltaqa' ma' xi Inginier in konnessjoni ma' *solar panels*. Ix-xhud jghid li huwa qatt ma kellu kuntatt mal-Malta Enterprise, huwa qal li jaf li tezisti izda qatt ma kellu kuntatt maghhom.

Fl-20 ta' Ottubru, 2016 gew moqrija l-Artikoli li gew mibghuta lilha mill-Avukat Generali nhar l-14 ta' Settembru 2015 u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi tratta u deciza minn din il-Qorti.

**Godfrey Formosa** xehed minn jeddu u b'mod volontarju fl-20 t'Ottubru 2016, u jghid li hu bniedem ta' haddiem li beda n-negozju mix-xejn. Jghid li l-kompetituri ta' dak iz-zmienu kollha tfal ta' ex-ministri u cioe' t-tifel tal-Onoraevoli Dr. Stanley Zammit, it-tifel ta' l-Onorevoli Perit Ninu Zammit u nies ohra u ghalhekk hu hass il-htiega li jistudja l-kompetituri tieghu. Ix-xhud ezebixxa l-istimi tal-kompetituri tieghu kollha u dan ghamlu ghaliex huwa kien studja l-prezzijiet u l-*weaknesses* taghhom u dan bl-intidmenti li huwa johrog b'*deal* ahjar u jkun jista' jirbah il-process. Huwa ezebixxa dawn l-istimi tal-kompetituri tieghu li gew immarkati bhala dokument PP.

Ix-xhud qal li l-Malta Enterprise kienet tohrog skemi ta' sussidji u certu drabi l-process minn mindu ddahhal applikazzjoni sakemm din

tigi approvata kien jiehu sena u nofs. Ix-xhud beda jinnota per ezempju li l-klijenti tieghu per ezempju Farrugia Textiles bdew jircievu stimi identici sal-anqas centezmu u zied jghid li kien jirrizulta li l-istimi tal-kompetituri tieghu kienu jigu ezatt bhal tieghu. Sostna li huwa difficli li wiehed jaqta' numru b'sitt figuri u l-unika tlieta (3) min-nies li kienu jafu bihom kienu huwa, il-klijent u Malta Enterprise.

Ix-xhud jghid li dan ma garax darba biss imma diversi drabi u ghalhekk kien hass li kien hemm xi haga hazina u ghalhekk sahansitra kien cempel lil Paul Baldacchino u beda jispjegalu dak li kien qieghed isehh u qallu biex izomm ghajnejh miftuha. Ix-xhud kompla billi qal li kien cempel zewg (2) min-nies li kienu kompetituri tieghu biex isaqsihom jekk kienx qed jigrilhom l-istess haga u kkonfermawlu li gralhom l-istess, cioe' li hargu l-istimi u dak iz-zmien skoprew il-bicca xoghol li Tancred Tabone kien direttur fil-Malta Enterprise kellu kumpanija li kienet in kompetizzjoni maghhom. L-imputat zied li dak iz-zmien kien cempillu Dr. Joseph Muscat li kien il-Kap tal-Oppozizzjoni u kien iltaqa' mieghu l-Kwartieri Generali, u spjegalu x'gara u dak li kien se jigri biex hu ma jkollux kuxjenza mahmuga wara. In segwitu' bdiet l-istorja tal-Malta Enterprise. Ix-xhud qal li sussegwentement kien gie arrestat fl-anniversarju tieghu, u rega' gie arrestat b'mod strategiku waqt il-fiera.

Ix-xhud ezebixxa *sample* ta' applikazzjoni li giet immarkata bhala Dok GF. Qal li pprezenta din l-applikazzjoni ghax hija tieghu personali, izda hija wahda minn hafna li kienu jigu pprezentati. Ix-xhud jghid li kellu ftehim ma' Johann Aloisio u Neville Cassar. Ix-xhud jghid li kien mar ma' Neville Cassar personalment gewwa l-Malta Enterprise u kien ghadda d-dokumenti personalment u jghid li fir-rigward ta' Johann

Aloisio kien ipprezenta d-dokumenti li dan kien tah hu stess. Qal li s-sitwazzjoni m'hijiex wahda fabbrikata izda wahda reali. Jidher li whud mill-*invoices* li hareg Johann Alosio harighom hu u whud minnhom harighom il-kollega tieghu Manuel Xuereb.

Dwar l-applikazzjonijiet ta' Alfred Delicata, ix-xhud qal li kien hu li dahlu fis-settur tas-*solar filming* u kien jghaddilu hafna xoghol. Darba darbtejn talbu biex jaghmlu quotations bhal MCAST u Bond's u huwa in segwitu' kien johroglu stimi ghas-*solar panels*. Ma hemm l-ebda restrizzjonijiet biex iggib *solar panels,* jista' jgibhom kulhadd. Dwar l-*invoices* li hemm ezebiti fl-atti, l-imputat jghid li kien Delicata stess li harighom. Ix-xhud jghid li gieli bghatu hu stess per ezempju biex jara l-post The Palace jew Corinthia.

B'riferenza ghall-ittri li gew ezebiti u cioe' dawk li huma mmarkati bhala dokument AD, meta l-Evaluation Committee tal-Malta Enterprise kienet qieghda tivvettja d-dokumenti, ix-xhud jghid li fil-fatt din l-ittra giet moghtija lilu mill-Coritinia. Jghid li Malta Enterprise qatt ma kienet bghatet ghalih ghal xi kjarifiki. L-imputat zied jghid li meta s-Sur Delicata kien mar il-Malta Enterprise, kien qalilhom biex ikellmu lilu ghaliex hu kien jaf aktar dwar is-sitwazzjoni dwar l-istimi li hareg Delicata stess.

Ix-xhud qal li ta' Johann Aloisio kienu fil-bidu tan-negozju tieghu. Esebixxa kopja ta' emails li ntbaghtu lilu minn Aloisio biex jaghzlu l-*logos* u anke ezebixxa kopja tal-*identity card* ta' Manuel Xuereb fejn jidher li l-indirizz li bdew juzaw fuq l-applikazzjonijiet kien ta' Manuel Xuereb stess. Dawn iz-zewg dokumenti gew immarkati bhala GF1 u GF2.

Ix-xhud jghid li huwa qatt ma esebixxa xi *invoice* li ma kienitx tal-kumpanija tieghu u qatt ma bbenefika minn xi sussidju minkejja li l-kompetituri tieghu applikaw u hadu s-sussidji u ghalhekk jghid li kienu jiehdu s-sussidju f'taghhom stess. Ix-xhud ezebixxa lista tas-sussidji li gew mehuda mill-Malta Enterprise li giet mmarkata bhal dokument ME u fuq il-lista l-ohra l-ME1, dawn l-istess kumpaniji li hadu s-sussidju ma jidhrux. Qal li dawn iz-zewg listi hu hadhom minn fuq il-website tal-Malta Enterprise. Ezebixxa wkoll dokument mahrug mit-Times of Malta ME3 li jindika illi Bajada kien xtara l-kumpanija Solar Solutions ghal tmenin elf (€80,000) u din il-kumpanija kienet hadet sussidju ta' disgha u tletin elf (€39,000).

Kompla jghid li kull darba li tohrog skema tal-MRA jew tal-Malta Enterprise, dejjem isir *show* bih. Ezebixxa kopja tan-Nazjzon datata tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li gie mmarkat bhala dokument EM6, fejn hemm indikat li s-socjeta Bajada kienet hadet sussidju minghand il-Malta Enterprise, u dokument iehor mehud mill-Malta Today datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012), li giet immarkata bhal dokument EM6. Ix-xhud jinsisti li huwa qatt ma hareg invoice falza. Rigward il-multa ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) li gie kkundannat ihallas mill-Malta Enterprise, l-imputat jghid li l-klijenti kollha tieghu gew obbligati jhallsu din il-multa. Per ezemju l-kumpanija Deco, George Micallef kien talbu stima, tah prezz tajjeb, Micallef tah ix-xoghol u kif l-Malta Enterprise raw li kien ta' Di Natura x-xoghol, wahhluh hamsa u ghoxrin fil-mija (25%).

Formosa qal li meta talab laqgha mal-Malta Enterprise biex jiddiskuti din il-multa ma tawhx appuntament. Il-klijenti tieghu qieghdin ifittxu lilu ghal dawn il-multi. Ezebixxa zewg (2) dokumenti li gew immarkati bhala dokument XX1 li huma l-ittri li huwa baghat lil Malta Enterprise. L-imputat qal li ma jafx x'sar mill-*complaint* dwar min kien qieghed jiehu s-sussidju li huwa kien ghamel mal-Malta Enterprise. Li jaf hu li fil-lista tal-Malta Enterprise stess kif ezebita minnu, id-ditti li hadu s-sussidju sparixxew u hu kien gharraf lill-Ufficcjali Investigattiv b'dan il-punt.

**Emanuel Xuereb** xehed fil-31 t'Ottubru 2016, fejn stqarr li huwa impjegat mas-socjeta' Luxury Technologies Limited u jiehu hsieb is-*sales* taghhom. Fost affarijiet li tbiegh din il-kumpanija, hemm pannelli fotovoltajici. L-imputat huwa *shareholder* ta' din il-kumpanija u Johann Aloisio ghamel zmien kollega' ta' din il-kumpanija. Ix-xhud qal li huwa minnu li stqarr Aloisio f'dawn il-proceduri li effettivament kienu nhargu xi stimi u li kien iffirmahom hu. Stqarr li fil-fatt hu w Aloisio kienu ghamlu *joint venture* fejn kienu bi hsiebhom jimpurtaw il-panelli direttament u ghalhekk meta spiccat il-*joint venture* bejniethom huwa impjega ruhu mal-imputat. Ix-xhud qal li kien jaf li kien hemm *joint venture* bejn Aloisio u l-imputat fil-konfront tal-panelli voltajici.

Ix-xhud qal li effettivament it-teknika kienet tkun f'idejn Aloisio ghaliex dan ghandu l-professjoni ta' Inginier. Kienu johorgu stima ghas-socjeta' Di Natura meta Di Natura kienet tapplika ghal xi sussidju.

Ix-xhud gie muri d-dokument ezebit fl-atti a fol. sebgha u sebghin (77) immarkat bhala dokument IAG25, u qal li din hija stima mahruga mis-socjeta' Future Solar, liema kumpanija timmanifattura l-panelli u kienet rapprezentata hawn Malta mis-socjeta' Di Natura tal-imputat. Ix-xhud qal li hu ma jafx lil Martin Farrugia personalment, pero' jaf li kien ghamel zmien impjegat mas-socjeta' Di Natura u hu kien beda jahdem hemm wara Martin Farrugia. Ghaldaqstant hu ma jistax jghid jekk effettivament Martin Farrugia kienx hareg xi *invoices* jew le peress li beda fl-impjieg tieghu wara. Ix-xhud qal li hu ra dokumenti mahruga minn Martin Farrugia ghan-nom ta' Future Solar kif inhu d-dokument a fol. sebgha u sebghin (77) tal-process.

Semghet lill-avukat difensur tal-imputat flimkien mal-Ufficcjal Investigattiv jittattaw il-kaz . Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax fuq il-lealta' tal-Ufficcjal Investigattiv fit-trattazzjoni tieghu u ghall-fatt li l-ghan tieghu kien li jara li ssir gustizzja ma ku'll parti involuta fil-kaz. Dan l-agir tieghu huwa wiehed li ghandu jigi rakkomandat u awgurat.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja, dik proposta mill-Prosekuzzjoni li fi ftit kliem tghid li l-imputat ghandu jinstab hati tar-reati kif addebitati fil-konfront tieghu a bazi tar-rapport maghmul lilhom mill-Malta Enterprise u a bazi tax-xhieda gja imressqa minnha, u dik proposta mill-imputat li jghid li huwa minnu li ppartecipa fl-iskema ghal sussidji mill-fondi Ewropej dwar l-installazzjoni tal-pannelli fotovoltajici, pero' jghid li ghamel dan bhal kull kompetitur tieghu u fl-ebda cirkostanza ma pprezenta xi

dokument falz jew dokumenti b'firma falza. Jghid li huwa sab hafna diffikultajiet sabiex jidhol f'dan is-suq peress illi hafna mill-kompetituri tieghu kienu gja nies stabbiliti fis-suq u li ghalhekk kienu qed jaghmlulu ostakoli, bizzejjed jghid li huwa kien gie arrestat fi zmien meta kellu hafna xoghol u cioe' fi zmien il-fiera. Jghid ukoll li s-Sur Tancred Tabone, li kien fl-*adjudication board* tal-ghazla ta' dawn il-fondi kellu nofs l-ishma tal-kumpanija Bajada New Energy li kienet ukoll tipprezenta id-dokumetnazzjoni taghha bhala kompetitur tieghu sabiex jakkwistaw dawn l-istess fondi.

Illi l-awtorita' Malta Enterprise nediet skema li permezz taghha applikanti ghall-pannelli fotovoltajici setghu jiksbu sa' hamsin fil-mija (50%) tal-prezz ta' l-impjant installat. Irrizulta li l-Malta Enterprise, tramite ittra mibghuta lill-pulizija esekuttiva ffirmata minn Dr. Katrina Borg Cardona, esebita fl-atti a fol. 42 ( Dok AG3), kienet talbitha sabiex tinvestiga dak li fil-fehma taghha kienet irregolarita' fl-applikazzjoni tal-istimi pprezentati lilha sabiex nies jiehdu *grants* mill-European Regional Development Fund (ERDF) fosthom l-Energy Grant Scheme. Inghad f'din l-istess ittra li kien hemm allegazzjonijiet li certu prattici li kienu qed jintuzaw allegatament setghu kienu qed jaghtu lok ghal abbuz mis-sistema tal-*grants* fir-rigward ta' pannelli fotovoltajici.

Jirrizulta li l-kumpanija *Di Natura* li taghha l-imputat kien Direttur, offriet lil diversi klijenti taghha mferrxa madwar Malta u Ghawdex, sistema ta' pannelli fotovoltajici. L-imputat spjega kif effettivament kien jahdem u li fil-fatt kien jipprezenta tliet (3) stimi kif kien rikjest u dan wara li huwa kien sab *partners* ma' min seta' jahdem u jikkompeti

ma' negozjanti ohra. Jghid li fil-fatt kien issieheb ma' certu Johann Aloisio Inginieer u Emanuel Xuereb.

Il-Prosekuzzjoni allegat li huwa kien qed jipprezenta *invoices* ta' socjetajiet fittizji b'dokumenti foloz u b'firem foloz meta l-imputat cahad dan sa mill-bidu nett minn meta irrilaxxja stqarrrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni nhar is-7 ta Gunju 2012 kif jirrizulta mill-istqarrija li huwa rrilaxxja (Dok AG 20 fol. 62 et seq). Da parte taghha, id-Difiza ssostni li dak li gie prodott mill-Prosekuzzjoni ma ghandu bl-ebda mod iwassal ghal sejbien ta' htija tal-imputat f'dawn il-proceduri u dana ghar-ragunijiet imsemmija mill-istess Difiza fis-sottomissjonijiet orali taghha. Id-Difiza, fost l-ohrajn, issostni li fir-rigward tal-pannelli fotovoltajici, l-imputat Godfrey Formosa sab dik li giet imsejha bhala *an opportunity cost* u li irnexxielu li jasal ghaliha wara hafna dedikazzjoni u impenn fejn studja is-suq b'mod profond.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm ma ghexietx il-process kollu tul medda ta'zmien, xorta lahqet semghet divesi xhieda fosthom l-imputat li xehed *viva voce* quddiemha, u b'hekk kienet f'posizzjoni tezamina l-imgieba u l-komportament

taghhom, sabiex b'hekk tista' tikkonstata x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero huwa veru ukoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

M'hemmx dubju li l-Qorti thoss li ghandha tirrimarka kif f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni (u dan qed jinghad mhux ghall-Ufficcjal Prosekutur li ha hsieb il-Prosekuzzjoni tal-kaz) naqset fl-investigazzjoni taghha li tesplora certu viji li setghu irrizultawlha waqt l-investigazzjoni taghha u strahet biss fuq dak li gie rapportat lilha mill-Malta Enterprise, meta seta' jirrizultalha li l-istess socjeta' kellha kunflitt ta' interess stante li wiehed mill-membri tal-Bord taghha, li hadu din l-azzjoni kontra l-

imputat, kien fil-fatt kompetitur kbir tal-istess imputat u li l-membri l-ohra tal-Bord, li kienu jpoggu fuq l-istess Bord mieghu bhal Dr. Sue Vella, lanqas biss kienu jafu b'din l-ahbar. In oltre ukoll jirrizulta li certu dokumentazzjoni li giet mitluba mill-Malta Enterprise stess, u dan qed jinghad ghall-VAT certificate ta' Neville Cassar, giet prodotta lilha mill-istess Neville Cassar fejn dan Cassar assuma r-responsabilita' tal-izball li ha meta kiteb il-VAT number tieghu hazin fuq l-applikazzjonijiet u b'hekk bl-ittra li pprezenta lil Malta Enterprise u cioe' l-ittra datata 16 ta Jannar 2011 dik esebita fl-atti a fol. 80 mmarkata bhala dok AG 27 u c-certifikat tal-VAT tieghu esebit fl-atti a fol. 81. Li kieku l-Ufficcjal Investigattiv ghamel xoghlu kif suppost x'aktarx li l-kaz odjern ma kienx jasal hawn. Zgur pero' li jista' jinghad li l-investigazzjoni odjerna ma kinitx wahda kompleta.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat b'dak dispost fl-**Artikolu 183** u cioe' b'falsifikazzjoni ta' atti pubbliċi, kummerċjali jew ta' bank privat u dan meta ma hux uffiċjal pubbliku .

L-**Artikolu 183 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk: *"Kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq [...]"*.

Illi ghalhekk jirrizulta li sabiex jezisti dan ir-reat iridu jissussistu zewg elementi:

1. li l-falsifikazzjoni tkun f'att pubbliku jew kummercjali jew ta' bank privat; u
2. li tali falsifikazzjoni saret mill-imputat persuna li mhux ufficjal pubbliku.

Rigward it-tifsira ghal dak lli jikkostitwixxi atti pubblici, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Rex v Giuseppe Zahra**[1]. Hekk gie ritenut:

"*Fil-ligi Maltija, l-att pubbliku huwa dak li jigi maghmul jew ricevut bil-formolaritajiet mehtiega minn Nutar jew minn ufficjal pubbliku iehor li jkollu s-setgha li jaghti fidi pubbliku lil att.*"

Din it-tifsira hija in konformita' mar-ragjonament ta' sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione** fid-disgha (9) ta' Novembru, 1929 li tghid:

" *l'atto pubblico non e' solo l'atto ricevuto con la scritta formalita' da un pubblico ufficiale autorizzato ad attribuire ad essa pubblico fede, ma ogni atto che il pubblico funzionario o forma nell'esercizio della sue funzioni e con le forme stabbilite in rappresentanza delle pubbliche amminstrazioni*[2]."

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghax-xhieda li ta l-Ispettur Angelo Gafa' nhar il-15 ta' Jannar 2015 fejn jghid li l-imputat tramite is-socjeta' tieghu Di Natura kien jipprezenta zewg stimi ohra flimkien mal-istima mahruga mis-socjeta' Di Natura stess ghal diversi applikanti sabiex l-istess applikanti klijenti tieghu ikunu intitolati li jiehdu parti minn dawn il-fondi tal-Ewropa. Jghid li irrizultalu li dawn iz-zewg stimi li kienu jinhargu minn *suppliers* ohra, fosthom jghid li kien hemm 36 North Solar Solutions li kellha il-VAT number

[1] vol. XXXVII, pg. 986.
[2] Sottolinear ta din il-Qorti.

17666520 u spjega li l-VAT number taghha sabu registrat f'isem Johann Aloisio li jaghamel Business Management Consultancy Activities u ghalhekk fil-fehma tieghu ma kellux x'jaqsam ma dan it-tip ta xoghol.

Fit-tieni lok jghid li rrizultalu nuqqas iehor fir-rigward il-VAT number li kien hemm fuq l-istima ta' Maltese Island Renewables, dak bin-numru 18113713 u dan ghaliex kien regisrat f'isem Neville Cassar li kien registrat bhala manifattur ta' fibreglass u allura fil-fehma tieghu ma kellux x'jaqsam xejn ma' dan it-tip ta' apparat ta' energija li tiehu energija alternattiva.

Fit-tielet lok jaghmel referenza ghall-VAT number citat fuq stima ta' Fuel Factory - VAT number 16453129 u dan sabu registrat f'isem Dorianne Formosa Grech li hi mart l-imputat ID 207779M li l-*line of business* taghha sabu registrat bhala Business and Management Consultancy Activities, li wkoll ma kellha x'taqsam xejn ma' dan l-apparat ta' energija alternattiva.

Ghalhekk wasal ghal konkluzjoni li kien hemm *pattern* u li d-dokumentazzjoni setghet kienet fittizzja ghaliex harget minn persuna li kellha VAT number li ma jirrelata xejn ma' dan it-tip ta' xoghol.

Ghalhekk l-Ispettur baghat ghal tliet applikanti li uzaw l-istimi ta Di Natura u appuntu ghal Raymond Formosa ta' BV Formosa & Co Ltd., Noel Cordina ta' N. Cordina Marketing Ltd. u Carmelo Bianco ta' Degabriele Co. Ltd. u li kienu bbenefikaw minn din l-iskema. Dawn ikkonfermaw li kienu tkellmu biss mal-imputat fil-process ta' dawn l-applikazzjonijiet li tefghu u li tnejn minnhom sahansitra anke qalulu li

kien l-imputat li mela l-applikazzjonijiet taghhom. Jghid ukol illi l-ebda wiehed minn dawn l-applikanti ma kien konxju tal-*quotations* l-ohra li kien dahhal l-imputat u cioe' ta' Solar & Security, 36 North Solar Solutions u ta' Maltese Island Renewables u Fuel Factory. Huwa kien kellem ukoll lill-Inginier Johann Aloisio ghan-nom tas-socjeta' 36 North Solar Solutions, lil Alfred Debattista ghan-nom tas-socjeta' Solar & Security, lil Neville Cassar ghan-nom ta' Maltese Islands Renewables u lil Dorianne Formosa Grech ghan-nom ta' Fuel Factory. Qal li minn dak li rrizultalu minn Aloisio, Delicata u Cassar l-imputat kien qed johrog *invoices* bil-firem taghhom bla ma kienu jafu. Ghalhekk fil-fehma tieghu sahhah it-twemmin tieghu li l-imputat hareg dokumenti fittizji u li pprezenta tali dokumentazzjoni falza lil Malta Enterprise.

L-Ispettur jghid li meta huwa tkellem mal-imputat in konnessjoni ma' din l-allegazzjoni, dan ikkonferma li kien hu li pprezenta tali stimi, pero' insista li kemm Cassar kif ukoll Delicata u Aloisio kienu jafu b'dak li kien ghaddej.

Naturalment dak li qal l-Ufficcjal Investigattiv Gafa' fuq dak li qalulu dawn in-nies, ghandu jittiehed biss mil-lenti ta' investigazzjoni u li a bazi tieghu huwa pprosegwa b'din il-kawza. M'ghandux jittiehed in sostituzzjoni ta' dak li qalu *viva voce* fil-Qorti. Jinghad li il-*best evidence* f'dan il-kaz hija il-produzzjoni ta' tali xhieda fejn xehdu *viva voce*.

Ghalhekk il-falsifikazzjoni li qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni tikkonsisti fl-istimi li gew prezentati mill-imputat lil Malta Enterprise allegatament rilaxxjati mill-Inginier Johann Aloisio ghan-nom tas-

socjeta' 36 North Solar Solutions, minn Alfred Debattista ghan-nom tas-socjeta' Solar & Security, minn Neville Cassar ghan-nom ta' Maltese Isalnds Renewables u minn Dorianne Formosa Grech ghan-nom ta' Fuel Factory. U fit-tieni lok ghaliex il-VAT number miktub fuq id-dokumenti ta' Maltese Islands Renewables kien hazing, u ghalhekk fil-fehma tal-Ispettur falz.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat jammetti li l-*initials* fuq l-*inovices* ta' dawn it-tliet socjetajiet kitibhom hu, pero' jghid li dan sar bl-approvazzjoni u konoxxenza taghhom. Dwar il-VAT number hazin ta' Neville Cassar jghid li kien attira l-attenzjoni ta' Neville Cassar stess u jekk mhux sejjer zbal kien ghamel il-korrezzjoni mehtiega u kien ha d-dokumentazzjoi relattiva hu stess lil Malta Enterprise. Spjega ukoll fl-istqarrija tieghu li l-*invoices* taht il-*letterhead* ta' 36 North Solar Solutions, Solar & Security u Maltese Islands Renewables, kien gabhom minn fuq l-internet. Waqt li dik ta' Alfred Delicata kienet giet mibghuta lilu minn bint Delicata stess permezz ta' email, dik ta' 36 North Solar Soutions kien ikkrejaha hu flimkien ma' Johann Aloisio ghaliex kienu ser jaghmlu negozju flimkien.Huwa fl-istqarrija li rrilaxja nhar it-8 ta' Lulju 2012 (Dok AG 32 fol 90) ipprezenta email li kien ircieva minghand Johann Aloisio fejn fiha hemm indikat li kien inghata il-fakolta' li jaghzel u jbiddel.

Fil-fatt jghid li kien hu stess li indika lill-pulizija fejn kien jistorja dawn l-*invoices* u ighid li kienu go file imsejjah '*false quotes'* u jghid li kienu *false* ghaliex ma kinux ta' Di Natura izda stimi krejati.

Dwar l-istima bit-*trade name* Fuel Factory jghid li din it-*trade name* qatt ma operat u li l-VAT number fuqha 16453129 jghajjat lil martu

Dorianne Formosa Grech u l-istima harget minn Martin Farrugia li kien *sales person* maghhom ghal zmien qasir. Jghid li kien iffirma l-istima quddiem impjegat iehor tieghu, certu Emanuel Xuereb, waqt li kienu fix-*showroom*. Jghid li l-iskop li ikkreja dan it-*trade name* kien sabiex seta' jghaddi tliet (3) *quotations* lil Malta Enterprise kif rikjest minnha, fuq applikazzjoni ta' klijent.

Illi ghalhekk jispetta lil din il-Qorti tara x'qalu f'dan ir-rigward ix-xhieda, b'mod partikolari Johann Aloisio, Neville Cassar, Alfred Delicata u Martin Farrugia.

L-**Inginier Johann Aloisio** xehed u kkonferma li jaf lill-imputat u li kienu jaghmlu xi xoghol flimkien, partikolarment xi xoghol domestiku. Jghid li Formosa kien jiehu hsieb l-istallazzjonijiet tal-pannelli u hu kien jiccertifika dawn l-istallazzjonijiet. Ikkonferma li kienu infethu xi *calls* sabiex isir xoghol simili fl-industrija, u li kien hemm tliet sejhiet. Jghid li fil-fatt Formosa kien talbu jaghmel xi stimi u li kien ghaddielu xi stimi. Ghar-rigward l-istimi li kien urih l-Ispettur Gafa' jghid li fil-fehma tieghu ma kien hemm ebda irregolarita'. Qal pero li l-firem li urih fuq id-dokumenti ma kienux kollha tieghu.

Aloisio qal li qatt ma iffirma dokumenti *en blanche,* fis-sens li jimtlew id-dettalji wara li jkun iffirma. Ikkonferma pero' li kellu xi komunikazzjoni dwar *trade name* li juza, u cioe' 36, North Solar Solutions mal-imputat. Cio' nonostante pero' meta xehed l-imputat esebixxa diversi *samples* ta' applikazzjonijiet vojta iffirmati minnu li gew immarkati bhala Dok SF fol 337. Jinghad ukoll li Manuel Xuereb kien iffirma numru ta' applikazzjonijiet ghan-nom tieghu. Ghalhekk

dan Aloisio ma qalx il-verita' meta kien tkellem mal-pulizija esekuttiva u biddel il-versjoni tieghu meta xehed il-Qorti.

**Neville Cassar** xehed u kkonferma li kien jaf lill-imputat, pero' stqarr li qatt ma kien hemm relazzjoni bejnu u l-imputat fuq pannelli, u li hu ma kienx jaf jekk l-imputat kienx jipprezenta *bids* ghal *tendering* ta' pannelli. Jghid li l-imputat kellu l-partikolaritajiet tieghu ghaliex kien l-*accountant* tieghu u kien ser jghinu jgib *loan* ghal garage. Muri d-dokumenti a fol 80 u 81 u cioe' l-ittra u c-certfikat tal-VAT tieghu, hu jghid li ma hemmx il-firma tieghu fuqhom. Cahad ukoll li kien mar bihom il-Malta Enterprise u jghid li lil Ryan Borg li kien jahdem il-Malta Enterprise ma jafux. Qal li l-Malta Enteprise mar darba biss mal-imputat in konnessjoni mal-garage tieghu. Cio' nonostante pero' l-imputat jghid li kien Neville Cassar li kien iffirma l-istimi u li kien mar hu stess il-Malta Enterprise bic-certifikat tal-VAT ghaliex kien ha xi zball meta iffirma l-istimi u li anke ha l-ittra esebita a fol. 80 tal process.

F'dan ir-rigward **Ryan Borg** ikkonferma li jaf li Neville Cassar kien jahdem taht *trade name* maghruf bhala Maltese Islands Renwables. Dwar id-dokument esebit a fol tmenin (80) u cioe' l-ittra ta' Neville Cassar jikkonferma li ittiehdet minn Neville Cassar stess lill-Malta Enterprise biex jindika li kien ha zball fil-VAT number tieghu u xtaq ibiddel l-istes VAT number muri fuq dan id-dokument. Ryan Borg ikkonferma li Cassar kien ha l-ittra personalment il-Malta Enterprise, u kkonferma li stante li kellu diversi klijenti li kienu applikaw ghal dawn il-fondi, kien pogga kopja ta' din l-ittra fil-file ta' kull applikant tieghu.

Ikkonferma li fuq struzzjonijeit moghtija lilu minn Paul Baldacchino kien cempel lil Cassar u talbu biex jghaddilu c-certifikat tal-VAT tieghu stante li dak li kellhom kellu zball. Ix-xhud qal li jiftakar li kien Cassar stess li kien ha c-certifikat tal-VAT li huwa esebit a fol. wiehed u tmenin (81) tal-process il-Malta Enterprise flimkien mal-ittra esebita a fol. wiehed u tmenin (81). Borg ikkonferma ukoll li kien prezenti ghal-laqghat li kellhom ma' Cassar u fil-fatt l-istruzzjonijiet li gew moghtija lilu kienu f'dan is-sens, li kellu jghaddi kopja tac-certifikat tal-VAT u l-ittra. Jghid ukoll li Neville Cassar kien hadlu dawn iz-zewg (2) dokumenti a fol tmenin (80) u wiehed u tmenin (81) u spjegahhomlu ghalkemm ma setax jghid jekk wara l-laqgha li kellu ma' Cassar, kienx Cassar stess li rregistrahom mal-Malta Enterprise jew kienx haddiehor; izda ftakar li ra l-kontenut tal-ittra f'idejn Cassar.

Paul Baldacchino ukoll jikkonferma li dawn iz-zewg dokumenti esebiti a fol. 80 u 81 gew prezentati fir-registru tal-Malta Enterprise u kkonferma li jaf li Ryan Borg kellu xi laqghat ma' dan Neville Cassar dwar dawn l-istess dokumenti. Ghal darb' ohra ghalhekk dan ix-xhud u cioe' Neville Cassar mhux kredibbli f'dak li qal.

Fir-rigward ta' **Alfred Delicata**, dan xehed u kkonferma li jaf lill-imputat u li kien hemm xi zmien li ghamlu xi negozju flimkien. Mistoqsi jekk jistax ikun li kien talab xi stima lill-imputat dwar xi *solar films*, u li l-imputat kien talbu biex johrog xi stima rigward xi panelli, ix-xhud wiegeb li ma jidhirlux li huwa gie mitlub johrog dawn l-istimi. Ix-xhud qal li ma jifktarax li qatt mar il-Corinthia biex jiltaqa' ma' xi inginier in konnessjoni ma' *solar panels*. Ix-xhud jghid li huwa qatt ma kellu kuntatt mal-Malta Enterprise, jaf li tezisti izda qatt ma kellu kuntatt maghhom. Hawnhekk ukoll dan ix-xhud huwa imgiddeb

mill-imputat li jghid li kien mar jara xi xoghol il-Corinthia u fil-fatt esebixxa dokumentazzjoni f'dan ir-rigward.

Martin Farrugia ma xehedx f'dawn il-proceduri pero' xehed **Emanuel Xuereb** li qal li ra dokumenti mahruga minn Martin Farrugia ghan-nom tas-socjeta' Future Solar bhal dik esebita a. fol sebgha u sebghin (77) tal-process.

Dwar ir-rapporti ta' l-esperti din il-Qorti mhix marbuta li tabbraccja il-konkluzjonijiet hemm raggunti jekk tali konkluzjonijiet imorru kontra t-twemmin taghha. Jirrizulta li effettivament minkejja li l-espert kalligrafiku ikkonkludiet li hafna mill-firem ma gewx maghmula mill-firmatarji taghhom, il-firmatarji stess assumew ir-responsabilita' taghhom. Illi mir-relazzjoni ta' Dr. Juliana Scerri Ferrante jirrizulta li kien hemm firem foloz fuq numru ta' dokumenti u cioe' li ma kinux maghmula minn Johann Aloisio, Neville Cassar u Martin Farrugia, pero' ma tghidx li kien l-imputat li ghamel dawn il-firem. L-imputat ma kienx obbligat jaghmel xejn u li ma jressaq l-ebda prova pero' huwa xehed ghaliex xtaq icekken dak li qalu certu xhieda fil-konfront tieghu. Il-Qorti ma thossx li ghandha taghti wisq piz lil dawn ir-rizultanzi stante li ma thossx li huma konklussivi.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jikkostitwixxi falsita', kif deskritt mill-awturi u cioe' **Kenny,** gurista Ingliz fil-ktieb tieghu ***Criminal Law*** jaghti tifsira ta' dokument fejn jghid:

"*for the purpose of the law of forgery a document is a writing in any form or any material, which communicates to some person or persons human statement, whether of fact or fiction.*"

**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** jghid:

*"documento e' ogni scrittura determinato, contenendo manifestazioni o dichiarazioni di volonta ovvero altestazioni di verita, atto o fondare o a suffragare una pretesa guiridica o a provare un fatto giuridicamente rilevante in un rapporto processuale o in altro rapporto guiridico*."

Dwar din l-ewwel akkuza u cioe' li kien l-imputat li ghamel dawn il-firem foloz ma tirrizultax provata minkejja li seta' jirrizulta li mhumiex il-firem tal-firmatarji hemm indikati. Il-Qorti thoss li bil-provi imressqa mill-imputat din l-ewwel akkuza mhux provata u thoss li lanqas ma gie pprovat b'mod sodisfacenti li tali dokumentazzjoni fil-fatt kienet falza. Seta' kien il-kaz li kienet mahruga taht *trade name* li ma tantx tinnegozja, pero' ma jirrizultax li huma dokumenti fittizji jew foloz.

Dwar it-tieni reat u cioe' dak kontemplat fl-**Artikolu 184 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk: *"Kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel [...]".*

Ghalhekk permezz ta' dan l-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 il-Prosekuzzjoni trid tipprova fl-ewwel lok li id-dokumenti kienu foloz u fit-tieni lok li l-imputat ghamel uzu minnhom *xjentement* meta kien jaf li kienu foloz. L-imputat sa mill-bidu nett ta' l-investigazzjoni jistqarr li d-dokumenti ma kienux foloz u fl-ebda hin ma jghid li kienu foloz u ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha tipprova dan il-fattur

indipendentement minn dak li stqarr l-imputat u bil-provi li ressqet zgur li ma irnexxilhiex taghmel dan.

L-imputat fit-tielet lok hu akkuzat bir-reat li ghamel dikjarazzjoni falza jew ta tagħrif falz lill-awtorità pubblika kif kontemplat fl-**Artikolu 188 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

"*Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinsab hati, .......*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Karl (Carmel) Azzopardi**[3], gie ritenut li:

"*Skont l-artikolu 188 tal-Kap 9, m'hemmx ghalfejn id-dokument ikun falz. Skont dan l-artikolu huwa bizzejjed li wiehed jipprezenta dokument li jkollu taghrif qarrieqi. Jiggifieri, hawn m'hemmx bzonn li jinholoq dokument falz (ex novo) jew li dokument genwin (bhal, per ezempju xi certifikat tat-twelid ikollu xi dettalji mibdulin). Xejn minn dan kollu. F'dan il-kaz huwa t-taghrif li kien fih id-dokument li kien falz.*"

In oltre fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tonio (Antonio) sive Tony Debono**[4], il-Qorti spjegat is-segwenti punti:

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-22 ta' Marzu 1999.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-22 ta' Marzu 1999.

"*Il-Kodici Kriminali fid-definizzjoni tar-reati li jaqghu taht l-intestatura ta' falsifikazzjoni ta' skritturi pubblici jew privati, ma jaghmel ebda referenza ghat-tip ta' intenzjoni rikjest ghall-ezistenza ta' dawn r-reati, salv ghall-artikolu 180 tal-Kap 9, li l-imputat mhux akkuzat bih. Pero dan ma jfissirx li fir-reati li jaqghu taht din l-intestatura d-dolus mhux necessarju".*

Fil-fatt fin-noti tieghu l-**Professur Mamo** dwar ir-reat ta' falsifikazzjoni jghid is-segwenti:

"*an intention merely to deceive, that is to represent as genuine a document which is known to be false, is sufficient...or perhaps more correctly it can be said that the intention to defraud or alter the rights of others does not require to be proved, because such intention is presumed by the law from the very fact of the forgery of the document in any one of the manners specified by law.*"

Skond **Carrara** mhux bizzejjed li dak li ghamel il-falsifikazzjoni kellu l-intenzjoni li jiffalsifika, pero' li kien jaf li dik il-falsifikazzjoni kienet kontra l-ligi u l-potenzjalita' setghet tikkaguna pregudizzju.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Charles Lebrun** (1945) gie deciz li:-

"*trattandosi ta' dokumenti pubblici falsifikati, il-fatt stess tal-falsifikazzjoni jikkostitwixxi l-ingann u l-hsara, jigifieri l-vjolazzjoni tal-fiducja li tinghata lid-dokument pubbliku.*"

Pero' jghid il-Professur Mamo, huwa l-importanti li:

"*the document must appear upon the face of it to have been made to resemble the true instrument, not necessarily or exact resemblance, but such as to be capable of deceiving persons using ordinary observations according to their means of knowledge.*"

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Carter**[5] irriteniet:

"*l-Artikolu188 jikkontempla kaz ta' falz ideologiku u mhux falz materjal kif jikkontempla l-artikoli 181 u 182.*"

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Caruana**[6] spjegat id-differenza bejn il-falz materjal u l-falz ideolgiku:

"*Id-differenza bejn il-falz materjal u l-falz ideolgiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li l-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi falsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, Manuale di Diritto*)."

Fil-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jesmond Ciantar et** deciza fl-1999 gie ritenut illi:

*"l-akkuzat Ciantar gie wkoll akkuzat bir-reat kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kap. 9 u cioe' talli sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi*

---

[5] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminal fis-7 ta' Dicembru 2001.
[6] Deciza mill-Qorti ta' l-Appel Kriminali fid-9 ta' Gunju 2010.

*awtorita' pubblika* ***xjentemen****t ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.*

*Dan igibna fir-realm ta' jekk l-ewwelnett id-dokument falz imsemmi fl-artikolu in desamina iridx ikun falz materjali jew falz ideolgiku. Fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut ideali tieghu... meta l-falz ideologiku ghalkemm id-dokument ikun genwin 'non e' verdico perche' colui che lo ha fornito gli fa alter cioe' contrarie al vero."*

Allura hija cara mis-sentenzi succitati illi sabiex wiehed ikun *xjentemen*t ghamel dikjarazzjoni falza irid ikollu d-*dolo* li dak li hemm fid-dokument hu falz. Fil-kaz odjern, l-akkuzat Formosa ma pprezenta l-ebda dokment li kien falz. Dan Formosa ipprovah billi offra ix-xhieda tieghu u spjega fid-dettal dak li ghamel.

Jinghad li dak li ghamel l-imputat kien li pprova jikkompeti ma' kompetituri akbar minnu billi kien hu stess li beda johrog tliet (3) stimi ghal kull applikazzjoni billi juza *trade names* differenti. Ma jirrizultax li effettivament hareg xi dokument b'xi VAT number li kien inveritier jew li ha xi flejjes a bazi ta' dokumenti foloz. Il-mod genwin u kompetittiv li hadem bih l-imputat jaqa' fil-parametri tal-ligi. Dan billi uza nies ohra li gja kellu negozju maghhom sabiex bil-hila taghhom isiru stimi mahruga fuq *trade names* ohra sabiex jabbraccjahom ma' tieghu mahruga taht isem Di Natura u dan bil-ghan li jakkwista l-fondi ghall-klijenti tieghu u jibqa' kompetittiv fis-suq. Ma jidhirx li kien hemm xi dokumenti foloz fis-sens li l-kontenut ta' dak li gie deskritt fid-dokument ma kienx minnu u lanqas ma gie ppruvat li kien l-imputat li ffalsifika xi firem. *Del resto* anzi jirrizulta

li x-xheida tal-imputat kienet aktar veritiera u attendibbli u konstanti fic-cirkostanzi minn dik moghtija mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni li inbidlet diversi drabi bhal donnha kienet xi pinnur fir-rih.

Dwar l-ahhar akkuza u cioe' dik kontemplata fl-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-reat ta' falsifikazzjoni oħra jew li xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat li ma jaqax taht l-artikoli fuq imsemmija jinghad li ma jirrizultax li effettivment id-dokumenti kienu foloz u ghalhekk lanqas dan ir-reat ma jirrizulta.

Dwar l-akkuza ta' recidiva il-Qorti rat li l-imputat ma nstabx hati tal-akkuzi principali u ghalhekk ma jistax jinstab hati tal-akkuza ta' recidiva.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-**Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 183, 184, 188, 189 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat GODFREY FORMOSA hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilliberah minnhom**.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**